Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**10300/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0162 (NLE)**

**AELE 53**
**CH 19**
**MI 400**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Ġunju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 309 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-konklużjoni ta’ pakkett wiesa’ ta’ ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 309 final.

Mehmuż: COM(2025) 309 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 309 final

2025/0162 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera (minn hawn ’il quddiem imsejħa wkoll “l-Iżvizzera”) huma marbutin mill-qrib ma’ xulxin minn perspettiva ekonomika, storika, kulturali, soċjali u politika. L-Unjoni hija l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Iżvizzera, filwaqt li l-Iżvizzera hija r-raba’ l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Unjoni. Aktar minn 1,5 miljun ċittadin tal-Unjoni jgħixu fl-Iżvizzera u ftit inqas minn 450 000 ċittadin Żvizzeru jgħixu fl-Unjoni. Kuljum diversi mijiet ta’ eluf ta’ ħaddiema fruntaliera jaqsmu l-fruntiera bejn l-UE u l-Iżvizzera fiż-żewġ direzzjonijiet.

L-Unjoni u l-Iżvizzera huma marbutin flimkien permezz ta’ diversi ftehimiet bilaterali. Permezz ta’ ftehimiet dwar il-moviment liberu tal-persuni, it-trasport fuq l-art, it-trasport bl-ajru, il-kummerċ fi prodotti agrikoli u r-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità, l-Iżvizzera tieħu sehem fis-suq intern tal-UE[1]. Permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen, l-Iżvizzera hija wkoll pajjiż assoċjat ma’ Schengen. Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera dwar it-theddidiet transfruntiera għas-saħħa żdiedet. L-Iżvizzera tradizzjonalment kienet ukoll sieħeb b’saħħtu fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-pajjiż ikkollabora mal-Unjoni fuq bosta programmi ta’ finanzjament tal-Unjoni ffukati b’mod partikolari fuq ir-riċerka, l-innovazzjoni, u l-edukazzjoni.

Filwaqt li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera hija mill-qrib, din ġiet imxekkla wkoll minn diversi problemi strutturali li ilhom jeżistu. Biex isolvu dawk il-problemi, bejn l-2014 u l-2021, l-Unjoni u l-Iżvizzera wettqu negozjati dwar Ftehim Qafas Istituzzjonali. Il-Ftehim Qafas Istituzzjonali kieku kien jipprovdi wkoll il-qafas ta’ governanza għal ftehimiet addizzjonali f’oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, inklużi ftehimiet li għalihom kienu ġew awtorizzati negozjati mill-Kunsill, b’mod partikolari dwar is-sikurezza tal-ikel (2003 u 2008) u l-elettriku (2006). Barra minn hekk, kieku kien jipprovdi l-qafas ta’ governanza għall-ftehim dwar is-saħħa, li n-negozjati għalih kienu ġew awtorizzati mill-Kunsill fl-2008.

In-negozjaturi laħqu ftehim dwar abbozz ta’ test tal-Ftehim Qafas Istituzzjonali fil-livell tekniku f’Novembru 2018. B’reazzjoni għar-rifjut tal-Kunsill Federali li japprova l-abbozz tat-test, in-negozjati dwar il-ftehimiet l-oħra waqfu ħesrem peress li kemm il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta’ Frar 2019, kif ukoll il-Parlament Ewropew, fir-rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta’ Marzu 2019, għamlu l-konklużjoni ta’ ftehimiet ġodda dwar l-aċċess għas-suq intern jew kundizzjonijiet imtejba skont il-ftehimiet eżistenti kundizzjonali fuq il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas Istituzzjonali. Fis-26 ta’ Mejju 2021, minkejja tentattivi oħra biex jinstabu soluzzjonijiet, il-Kunsill Federali Żvizzeru ddeċieda li

[1] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta’ merkanzija u tal-passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta’ konformità, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, kollha ffirmati fil-21 ta’ Ġunju 1999 (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

jtemm unilateralment in-negozjati dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali. Id-deċiżjoni unilaterali tal-Iżvizzera waqqfet temporanjament il-kooperazzjoni bilaterali fl-oqsma tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni.

Wara l-waqfien tan-negozjati dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali, il-Kummissjoni Ewropea u l-Iżvizzera bdew taħditiet esploratorji f'Marzu 2022 biex jiddiskutu l-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera. Dawn it-taħditiet wasslu għal Fehim Komuni li rreġistra l-fehim politiku taż-żewġ naħat dwar it-triq 'il quddiem għal negozjati fil-futur u identifika l-komponenti u l-parametri ta' pakkett wiesa' ta' negozjati, kif ukoll il-punti għal kompromess u s-soluzzjonijiet dwar punti istituzzjonali u settorjali ewlenin.

Il-Fehim Komuni ġie approvat mill-Kunsill Federali Żvizzeru u mill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2023. Iż-żewġ naħat impenjaw ruħhom li jużawh bħala bażi biex ifittxu l-mandati ta' negozjar tagħhom u rreġistraw l-ambizzjoni tagħhom li jikkonkludu n-negozjati matul l-2024.

Konsegwentement, fl-20 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza negozjati dwar il-pakkett wiesa' ta' miżuri identifikati u definiti matul it-taħditiet esploratorji[2]. L-objettiv ġenerali ta' dawn in-negozjati kien li jimmodernizzaw u jsaħħu r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera, jiżguraw kompetizzjoni leali bejn il-kumpaniji tal-Unjoni u tal-Iżvizzera li joperaw fis-suq intern, u jissalvagwardjaw id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-Iżvizzera, inkluż il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini ta' Stati Membri differenti. Dan kien se jippermetti liċ-ċittadini, lin-negozji u lir-riċerkaturi miż-żewġ naħat jibbenefikaw bis-sħiħ mill-prossimità ġeografika, mill-valuri kondiviżi, u mir-rabtiet ekonomiċi bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera. Fl-istess waqt, il-Kunsill Federali wettaq il-ħidma preparatorja korrispondenti fuq in-naħa Żvizzera. Wara t-tlestija tal-proċessi rilevanti fl-Iżvizzera, il-Kunsill adotta deċiżjoni fit-12 ta' Marzu 2024, li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar il-pakkett wiesa' ta' miżuri, flimkien ma' direttivi ta' negozjati dettaljati[3].

In-negozjati dwar il-pakkett wiesa' tnedew fit-18 ta' Marzu 2024 mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, u l-President tal-Konfederazzjoni Żvizzera ta' dak iż-żmien, Viola Amherd. Il-Kummissjoni wettqet in-negozjati f'konsultazzjoni mal-Kunsill, inkluż il-Kunsill Affarijiet Ġenerali, u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA bħala l-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill għall-fini tan-negozjati mal-Iżvizzera. Ingħatat l-attenzjoni dovuta għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2023 u l-Kummissjoni żammet lill-Parlament Ewropew infurmat bis-sħiħ f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Wara disa' xhur ta' negozjati intensi, il-Presidenti von der Leyen u Amherd ħabbru t-tlestija b'suċċess tad-diskussjonijiet dwar l-elementi kollha tal-pakkett wiesa' fl-20 ta' Diċembru 2024. Il-pakkett wiesa' jinkludi l-aġġornament tal-ħames ftehimiet li fil-preżent jagħtu lill-Iżvizzera aċċess għas-suq intern tal-UE; l-aġġornament tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, skont il-prattika stabbilita fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni u tal-Iżvizzera ma' sħab oħra; protokoll ġdid dwar is-sikurezza alimentari li se jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari li jkopri d-dimensjonijiet

[2] COM(2023) 798 final, 20.12.2023.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/995 tat-12 ta' Marzu 2024 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatati mas-suq intern, dwar ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi programmi tal-Unjoni u dwar ftehim li jifforma l-bażi għall-kontribuzzjoni permanenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni (ĠU L, 2024/995, 26.3.2024).

kollha tal-katina alimentari u li jissostitwixxi l-annessi sanitarji u fitosanitarji għall-ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli; ftehim ġdid dwar l-elettriku li se jippermetti l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern tal-elettriku tal-Unjoni; ftehim ġdid dwar is-saħħa li se jippermetti lill-Iżvizzera tieħu sehem fil-mekkaniżmi u l-korpi tal-Unjoni li jindirizzaw theddid transfruntier serju għas-saħħa, b'mod partikolari ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u s-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons; ftehim ġdid dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja permanenti u ġusta tal-Iżvizzera għall-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni, li jirrifletti l-livell ta' sħubija u kooperazzjoni bejn il-partijiet; u ftehim ġdid li se jippermetti lill-Iżvizzera tipparteċipa f'diversi programmi tal-Unjoni miftuħa għall-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi: Orizzont Ewropa, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, ITER/F4E (Enerġija mill-Fużjoni), Ewropa Diġitali, Erasmus+, kif ukoll il-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health), programm li għandu l-għan li jikkomplementa l-kooperazzjoni stabbilita fil-ftehim dwar is-saħħa li ż-żewġ sħab innegozjaw bħala parti mill-istess pakkett wiesa'. Minbarra l-elementi elenkati hawn fuq, il-pakkett wiesa' jinkludi wkoll protokoll separat dwar il-kooperazzjoni parlamentari.

Din il-proposta tikkonċerna l-konklużjoni tal-ftehimiet u l-protokolli li ġejjin fi ħdan il-pakkett wiesa':

(a) Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(b) Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(c) Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(d) Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(e) Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(f) Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferrovija u bit-Triq;

(g) Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferrovija u bit-Triq;

(h) Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferrovija u bit-Triq;

(i) Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità;

(j) Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità;

(k) Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli;

(l) Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari;

(m) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku;

(n) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa;

(o) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea;

(p) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni;

(q) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali;

(r) Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni parlamentari.

Dawn il-ftehimiet u l-protokolli huma akkumpanjati minn Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u mill-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli dwar il-pakkett bilaterali wiesa' u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera, li għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tiegħu mill-1 ta' Jannar 2026 jew mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara li jiġi ffirmat, skont jekk dik il-firma ssirx qabel l-1 ta' Lulju 2026 jew le.

Filwaqt li l-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni jifforma parti integrali mill-pakkett usa' nnegozjat bejn iż-żewġ sħab fl-2024, il-Kummissjoni ddeċidiet li tħaffef il-proposta għall-iffirmar tiegħu bil-għan li tibda l-applikazzjoni proviżorja tiegħu mill-1 ta' Jannar 2025. Il-Kummissjoni għamlet proposti separati għal dak il-għan[4].

L-approċċ propost se jippermetti li jingħata effett lill-arranġamenti tranżizzjonali li l-Kummissjoni tat lill-Iżvizzera matul in-negozjati tal-pakkett wiesa'. Fl-istess ħin, dan ma jaffettwax l-approċċ ta' pakkett wiesa' stabbilit mill-Fehim Komuni u kkonfermat mill-mandat tal-Kunsill.

Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni jinkludi klawżola ta' estinzjoni, li tipprevedi li l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim se tieqaf jekk l-Iżvizzera ma ttemmx il-proċeduri tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-pakkett sa tmiem l-2028. Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni tipprevedi li dan se jiġi konkluż bħala parti mill-pakkett wiesa' ta' ftehimiet li kienu s-suġġett tan-negozjati li saru fl-2024.

[4] COM(2025) 159 final u COM(2025) 160 final, 9.4.2025.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat**

L-introduzzjoni ta’ dispożizzjonijiet istituzzjonali se tiżgura applikazzjoni aktar konsistenti u uniformi tal-acquis tal-Unjoni fil-partijiet tas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera jew f’oqsma ta’ politika li fihom l-Iżvizzera impenjat ruħha favur allinjament dinamiku, prinċipju ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi, u soluzzjoni tat-tilwim bi rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal kwistjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tal-UE u kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji tal-Unjoni u dawk Żvizzeri huma fil-qalba tad-diversi ftehimiet.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Il-pakkett wiesa’ tal-ftehimiet bejn l-UE u l-Iżvizzera jirrispetta bis-sħiħ it-Trattati u jħares l-integrità u l-awtonomija tal-ordni legali tal-Unjoni. Huwa jippromwovi l-valuri, l-objettivi u l-interessi tal-Unjoni, u jiżgura l-konsistenza, l-effettività u l-kontinwità tal-politiki u tal-azzjonijiet tagħha.

Il-bidliet istituzzjonali u sostantivi fil-ftehimiet eżistenti, kif ukoll, fejn rilevanti, l-introduzzjoni ta’ regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u l-ftehimiet il-ġodda se jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi ta’ politika tal-Unjoni fl-oqsma ta’ politika li ġejjin:

– is-suq intern,
– il-kompetizzjoni,
– l-impjiegi u l-affarijiet soċjali,
– il-moviment liberu tal-persuni,
– it-trasport,
– l-agrikoltura,
– is-sigurtà u l-kwalità tal-ikel,
– l-annimali u l-prodotti tal-annimali,
– il-pjanti u l-prodotti tal-pjanti,
– il-protezzjoni tal-konsumatur,
– l-enerġija,
– is-saħħa,
– il-kummerċ.

Barra minn hekk, il-ftehim li jassoċja lill-Iżvizzera mal-programmi tal-Unjoni u l-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali se jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi ta’ politika tal-Unjoni fl-oqsma ta’ politika li ġejjin:

– l-edukazzjoni u t-taħriġ,
– ir-riċerka u l-innovazzjoni,
– l-ekonomija u s-soċjetà diġitali,
– is-saħħa
– l-ispazju.

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni

Ewropea se jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika tal-Unjoni fir-rigward tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tagħha.

Billi jiġi żgurat li l-Iżvizzera tagħti kontribuzzjoni finanzjarja adegwata għall-ġestjoni u għall-operat tal-aġenziji u tal-korpi li fihom tipparteċipa, u tas-sistemi ta' informazzjoni li għalihom għandha aċċess, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni se jiġu protetti.

Il-forum għall-kooperazzjoni u d-djalogu bejn il-membri tal-Parlament Ewropew u l-Assemblea Federali Żvizzera stabbilit minn protokoll iddedikat huwa konformi mal-prattika fi ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' sħubija strateġika li l-Unjoni tikkonkludi ma' pajjiżi terzi.

Filwaqt li diversi ftehimiet jew protokolli koperti minn din il-proposta jibbażaw fuq is-sistemi tekniċi u diġitali għall-implimentazzjoni tagħhom, il-proposta ma tintroduċi l-ebda rekwiżit li jirrikjedi bidliet fir-rigward tal-użu jew l-arkitettura ta' dawn is-sistemi. Il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" ma huwiex affettwat mill-proposta.

## 2. BAŻI LEGALI

Flimkien, il-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett tad-deċiżjoni proposta huma intrinsikament marbuta flimkien u jikkostitwixxu unità sħiħa koerenti u jistabbilixxu l-arkitettura ta' sħubija msaħħa u komprensiva f'firxa wiesgħa ta' oqsma koperti mit-Trattati, abbażi ta' bilanċ xieraq ta' drittijiet u obbligi. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva xierqa għad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet u l-protokolli msemmija hawn fuq hija l-Artikolu 217 tat-TFUE.

Fil-każ ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-Kunsill jista' jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Minħabba li l-Artikolu 217 tat-TFUE huwa l-bażi legali sostantiva, huwa meħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din il-proposta hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(i), tat-TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE. Barra minn hekk, l-Artikolu 218(7) TFUE għandu jiġi miżjud bħala bażi legali peress li huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova f'isem l-Unjoni ċerti modifiki għall-ftehimiet li għandhom jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata jew minn korp stabbilit mill-ftehimiet.

Għalhekk, il-bażi legali għad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta hija l-Artikolu 217 tat-TFUE, moqri flimkien mal-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(i), l-Artikolu 218(7) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE.

Il-Kummissjoni tqis li l-Unjoni għandha kompetenza fl-oqsma kollha koperti mill-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din il-proposta u li għalhekk il-ftehimiet u l-protokolli għandhom jiġu konklużi mill-Unjoni biss.

## 3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni se jkollu impatt fuq il-baġit tal-Unjoni permezz tal-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera ma' Orizzont Ewropa, mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, mal-programm Ewropa Diġitali, mal-Erasmus+ u mal-programmi l-UE għas-Saħħa (EU4Health). Dan il-ftehim jistabbilixxi kundizzjonijiet ġusti u bbilanċjati li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-programmi tal-Unjoni li fihom tipparteċipa u jipprevedi l-kostijiet amministrattivi għall-ġestjoni ta' dawn il-programmi. Il-ftehim jinkludi klawżola ta' reċiproċità, li tiżgura li l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jkollhom, kemm jista' jkun, aċċess biex jipparteċipaw fil-programmi ekwivalenti ta'

riċerka u innovazzjoni tal-Iżvizzera, f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni domestika tal-Iżvizzera.

Il-Parti I tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din il-proposta tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi tal-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni.

Fil-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera, il-ftehim dwar is-saħħa u l-ftehim dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, l-Iżvizzera qablet li tagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-Unjoni għall-ġestjoni u għall-operat tal-aġenziji u tal-korpi li fihom tipparteċipa, u s-sistemi ta' informazzjoni li għalihom għandha aċċess, filwaqt li jitqies il-kamp ta' applikazzjoni ta' kull ftehim.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-modalitajiet ta' pagament huma stabbiliti f'annessi ddedikati, li jsegwu l-istess mudell. Sett ta' dispożizzjonijiet standard komuni għall-ftehimiet u l-protokolli kkonċernati jirrikjedi li l-Iżvizzera tħallas kontribuzzjoni finanzjarja annwali dovuta fid-dati speċifikati fis-sejħiet għall-fondi maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-kontribuzzjoni se tkun magħmula mis-somma totali ta' kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni.

Fejn diġà jeżistu arranġamenti oħrajn ta' finanzjament għall-aġenziji jew għas-sistemi tal-informazzjoni, dawn jinżammu.

L-arranġamenti speċifiċi ta' finanzjament għall-aġenziji u għas-sistemi ta' informazzjoni huma deskritti fit-taqsima li tispjega fi-dettall id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet. Il-Parti II tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din il-proposta turi l-implikazzjonijiet baġitarji futuri ta' dawn l-arranġamenti u l-modalitajiet tal-pagament tagħhom.

## 4. ELEMENTI OĦRA

- **Implimentazzjoni minn korpi stabbiliti skont il-ftehimiet u l-protokolli**

Il-pakkett ta' ftehimiet huwa marbut flimkien minn dispożizzjonijiet istituzzjonali simili u/jew minn interkonnessjonijiet oħra. Il-ftehimiet kollha koperti mill-pakkett wiesa' jinkludu Kumitati Konġunti li jikkonsistu minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Iżvizzera, li fil-biċċa l-kbira jsegwu l-istess mudell. Il-ftehimiet kollha f'oqsma relatati mas-suq intern, il-ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, il-ftehim dwar is-saħħa u l-ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera għall-koeżjoni soċjali u ekonomika tal-Unjoni jippermettu l-possibbiltà li jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma. Diversi ftehimiet fihom mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim, ibbażati fuq l-istess mudell, li jiżguraw li jkun jista' jiġi indirizzat il-ksur ta' obbligi minn waħda mill-Partijiet skont il-ftehim ikkonċernat jew fil-pakkett ta' ftehimiet kollu kemm hu. Fl-aħħar nett, il-protokoll dwar il-kooperazzjoni parlamentari jistabbilixxi Kumitat Parlamentari Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Assemblea Federali Żvizzera.

- **Implimentazzjoni u applikazzjoni tal-ftehimiet u l-protokolli**

F'konformità mal-Artikolu 216(2) TFUE, il-ftehimiet konklużi mill-Unjoni huma vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fuq l-Istati Membri tagħha.

Huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata, skont l-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex tadotta l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet tekniċi, li jridu jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata jew minn korp stabbilit skont il-ftehimiet li huma parti mill-pakkett biex jiġu żgurati l-ġestjoni u l-operat effettivi u effiċjenti tal-ftehimiet u l-protokolli. Dawn l-awtorizzazzjonijiet jikkonċernaw, pereżempju, it-tipi ta' deċiżjonijiet li ġejjin:

– id-definizzjoni ta' struzzjonijiet għall-immaniġġar ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata,

– l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma ġodda skont il-ftehimiet,

– l-integrazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni fil-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera u l-ftehim dwar is-saħħa, soġġetti għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ,

– l-emenda ta' ċerti annessi għall-ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli,

– l-emenda ta' ċerti annessi għall-ftehim dwar it-trasport fuq l-art minbarra dawk li għalihom japplika allinjament dinamiku,

– l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet għall-iskambju dirett tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri u l-korpi rilevanti f'oqsma fejn ikun meħtieġ trasferiment rapidu tal-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill minn qabel dwar kwalunkwe deċiżjoni futura tat-tipi msemmija hawn fuq. Il-Kunsill jista' joġġezzjona għal dawk id-deċiżjonijiet proposti b'minoranza li timblokka tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-TUE. F'dak il-każ, il-Kummissjoni trid tirrifjuta d-deċiżjoni proposta f'isem l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li sussegwentement tagħmel proposta lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Sabiex tiġi ggarantita l-konformità mal-obbligi skont il-ftehimiet li huma parti mill-pakkett, il-ftehimiet u l-protokolli jipprevedu mekkaniżmi ta' infurzar robusti fil-forma ta' mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, fil-ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, fil-ftehim dwar is-saħħa u fil-ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-ftehimiet u l-protokolli li huma parti mill-pakkett jipprevedu l-possibbiltà li l-Partijiet jieħdu miżuri biex jipproteġu l-interessi tagħhom, bħal miżuri ta' kumpens għan-nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni ta' tribunal tal-arbitraġġ, jew salvagwardja, ibbilanċjar, kriżi u miżuri oħrajn f'ċirkostanzi definiti fil-ftehimiet u fil-protokolli rilevanti. Huwa importanti li l-Unjoni tkun tista' tuża kompletament dawn il-miżuri malajr u b'mod effettiv. Għal dan il-għan, kwalunkwe deċiżjoni tal-Unjoni li tieħu tali miżuri għandha tittieħed mill-Kummissjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehimiet u l-protokolli rilevanti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kompożizzjoni tal-pakkett wiesa' u n-natura tal-ftehimiet u l-protokolli

Il-pakkett wiesa' jikkonsisti f'diversi ftehimiet u protokolli li għandhom skopijiet u setups differenti, anki jekk jikkondividu elementi komuni. Il-pakkett jinkludi b'mod partikolari ftehimiet u protokoll f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, ftehimiet ta' kooperazzjoni, u protokoll dwar il-kooperazzjoni parlamentari. Bosta minn dawn il-ftehimiet u l-protokolli huma akkumpanjati minn dikjarazzjonijiet konġunti. Il-pakkett huwa kkompletat b'dikjarazzjoni konġunta dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera.

*Ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera*

Bħala riżultat ta' bidliet istituzzjonali, erbgħa minn ħames ftehimiet *eżistenti* se jitqiesu bħala ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, ħaġa li għandha implikazzjonijiet notevoli fir-rigward tal-interkonnessjoni tagħhom. Ftehim ġdid u protokoll ġdid ukoll se jkollhom dan l-istatus.

*Ftehimiet eżistenti li se jitqiesu bħala ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern*

– Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni"),

– Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-trasport bl-ajru"),

– Il-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Komunità Ewropea dwar it-trasport ta' merkanzija u tal-passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u bit-triq (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-trasport fuq l-art"),

– Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Komunità Ewropea dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar i-rikonoxximent reċiproku").

*Ftehim u protokoll ġodda li se jitqiesu bħala ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern*

– Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar l-elettriku"),

– Il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari").

*Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli*

– Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli"). Dan il-ftehim mhux se jibqa' jitqies bħala ftehim f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

*Ftehimiet ta' kooperazzjoni*

Diversi ftehimiet jistgħu jitqiesu bħala ftehimiet ta' kooperazzjoni u għalhekk ma jikkostitwux ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera. L-istruttura u l-kontenut tagħhom ivarjaw skont l-iskop tagħhom. Dawn il-ftehimiet huma:

– Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-saħħa"),

– Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-koeżjoni"),

– Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni").

– Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali").

*Protokoll dwar il-kooperazzjoni parlamentari*

Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni parlamentari (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll dwar il-kooperazzjoni parlamentari") jipprovdi bażi ġuridika u mekkaniżmi għall-kooperazzjoni politika bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Federali Żvizzera.

*Djalogu ta' livell għoli*

Id-"Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli dwar il-pakkett bilaterali wiesa' u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera" se tipprovdi qafas għad-diskussjonijiet politiċi bejn il-Kummissarju Ewropew u l-Kunsillier Federali Żvizzeru responsabbli għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera. Id-djalogi ta' livell għoli huma għodda komuni li fuqha tibbaża l-Unjoni biex tipprovdi impulsi għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'qasam speċifiku.

<u>Ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera</u>

*Dispożizzjonijiet istituzzjonali*

Ġew inklużi dispożizzjonijiet istituzzjonali identiċi fil-ftehimiet kollha f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, soġġetti għal adattamenti teknikament ġustifikati, jew bħala parti mill-ftehimiet il-ġodda jew permezz ta' protokolli istituzzjonali. Il-Ftehim dwar is-saħħa japplika l-istess soluzzjonijiet istituzzjonali b'analoġija. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali jinkludu l-elementi li ġejjin:

(1) *interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi*: obbligu li l-ftehimiet ikkonċernati jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fis-suq intern u, sa fejn dawn jinkludu kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kemm qabel kif ukoll wara l-iffirmar tal-ftehim korrispondenti;

(2) *allinjament dinamiku*: obbligu, soġġett għal eċċezzjonijiet limitati, li l-partijiet jintegraw fil-ftehimiet ikkonċernati l-atti legali kollha tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, u li minħabba l-ordni legali monista tagħha, dawn l-atti għandhom isiru, bl-integrazzjoni tagħhom fil-ftehimiet, parti mill-ordni legali tal-Iżvizzera. Min-naħa tagħha, l-Iżvizzera se tkun involuta fit-tħejjija tal-atti li jridu jiġu integrati fil-ftehimiet ikkonċernati, pereżempju l-Iżvizzera se tipparteċipa fil-kumitati u fil-gruppi ta' esperti korrispondenti mingħajr id-dritt tal-vot. Għal raġunijiet storiċi, fil-każ tal-ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku u dwar it-trasport fuq l-art, l-Iżvizzera hija obbligata tadotta dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jiksbu r-riżultat li għandu jinkiseb minn dawk l-atti;

(3) *soluzzjoni tat-tilwim*: mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim ibbażat fuq arbitraġġ minn parti terza; it-tribunal tal-arbitraġġ huwa obbligat li jirreferi mistoqsijiet dwar id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet li jinvolvu kunċetti tad-dritt tal-Unjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li l-opinjonijiet tagħha huma legalment vinkolanti fuq it-tribunal tal-arbitraġġ;

(4) *interkonnessjoni bejn il-ftehimiet*: il-possibbiltà li l-partijiet jieħdu miżuri ta' kumpens proporzjonati u effettivi bħala parti minn proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim f'każ li parti tqis li l-parti l-oħra ma tkunx ikkonformat ma' deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ; dawn il-miżuri ta' kumpens jistgħu jittieħdu jew fil-ftehim ikkonċernat jew fi kwalunkwe ftehim ieħor relatat mas-suq intern, inkluża s-sospensjoni parzjali jew sħiħa ta' tali ftehim jew ftehimiet.

*Dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat*

Barra minn hekk, ir-regoli sostantivi u proċedurali, inklużi l-mekkaniżmi ta' sorveljanza u infurzar, ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni huma inklużi f'dawk il-ftehimiet li fihom jeħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni fis-suq intern, b'mod partikolari l-ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru, it-trasport fuq l-art u l-elettriku. Dawn ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat huma spjegati jew fit-test ewlieni tal-ftehim, kif inhu l-każ għall-Ftehim dwar l-elettriku, jew fi protokolli ddedikati, kif inhu l-każ għall-Ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru u t-trasport fuq l-art. Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli ġenerali u settorjali dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkomplementaw l-imsemmi qafas huma spjegati f'annessi ddedikati.

*Parteċipazzjoni fl-aġenziji u fis-sistemi tal-informazzjoni*

L-Iżvizzera se tikseb aċċess addizzjonali għall-aġenziji u/jew għas-sistemi ta' informazzjoni skont il-ftehimiet li ġejjin f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera: il-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni, il-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku, il-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari u l-Ftehim dwar l-elettriku. L-Iżvizzera se tikseb aċċess addizzjonali wkoll għal aġenzija u għal sistemi ta' informazzjoni skont il-Ftehim dwar is-saħħa.

Id-dispożizzjonijiet standard imsemmija hawn fuq se japplikaw għall-arranġamenti ta' finanzjament marbuta mal-aċċess addizzjonali għall-aġenziji u għas-sistemi tal-informazzjoni li l-Iżvizzera se tiggwadanja permezz tal-pakkett wiesa'. Fil-prinċipju, dawn id-dispożizzjonijiet standard għandhom japplikaw għall-arranġamenti ta' finanzjament marbuta ma' kwalunkwe aċċess ulterjuri għall-aġenziji, il-korpi, is-sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra li l-Iżvizzera tista' tiggwadanja fil-futur skont ftehimiet li huma parti mill-pakkett jew skont ftehimiet ulterjuri li l-Unjoni u l-Iżvizzera jistgħu jikkonkludu.

Il-kontribuzzjoni operazzjonali li se tkun parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Iżvizzera se tkun ibbażata fuq koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit bħala l-proporzjon tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-Iżvizzera bil-prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni bil-prezzijiet tas-suq[5]. Il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni se jiġi applikat għall-baġit ivvotat tal-Unjoni kull sena fuq il-linja/i baġitarja/i tas-sussidju rilevanti tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni, soġġett, fejn xieraq, għal aġġustamenti li jqisu l-kamp ta' applikazzjoni ta' ftehim. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għas-sistemi ta' informazzjoni u għal attivitajiet oħra se tiġi kkalkolata billi l-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni jiġi applikat għall-baġit rilevanti tas-sena inkwistjoni kif stabbilit fid-dokumenti li jimplimentaw il-baġit (bħal programmi ta' ħidma jew kuntratti). It-tariffa tal-parteċipazzjoni annwali se tammonta għal 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali.

L-ammonti ta' referenza kollha se jkunu bbażati fuq approprjazzjonijiet ta' impenn.

Il-ftehimiet li se jagħtu lill-Iżvizzera aċċess għall-aġenziji jinkludu wkoll appendiċi dwar id-drittijiet, il-privileġġi u l-immunitajiet ta' dawk l-aġenziji u l-persunal tagħhom, li jsegwu mudell standard u jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

*Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni*

Il-Ftehim aġġornat dwar il-moviment liberu tal-persuni se jipprevedi allinjament dinamiku mill-Iżvizzera fuq l-atti legali kurrenti u futuri tal-Unjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni u l-istazzjonar tal-ħaddiema.

---

[5] Il-PDG rispettivi li jridu jiġu applikati se jkunu dawk disponibbli l-aħħar mill-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jsir il-pagament annwali kif previst mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika (ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2).

Il-protokoll emendatorju għall-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni jagħmel bidliet fl-istruttura tiegħu. Fil-verżjoni kurrenti tiegħu, il-ftehim jinkludi għadd sinifikanti ta' dispożizzjonijiet sostantivi fl-Anness I tiegħu. Dak l-anness huwa sostitwit b'lista ta' atti legali tal-Unjoni li l-Iżvizzera se tallinja ruħha b'mod dinamiku magħhom u li se jkopru, fil-biċċa l-kbira, is-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Is-sostituzzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-ftehim bl-integrazzjoni tal-acquis rilevanti tal-Unjoni se tkun akkumpanjata minn għadd ta' eċċezzjonijiet għall-allinjament dinamiku fl-oqsma li ġejjin: il-perjodu ta' notifika minn qabel u l-kontrolli, il-garanziji finanzjarji u s-sanzjonijiet fuq il-forrnituri tas-servizzi, il-prova ta' impjieg indipendenti, l-akkwist ta' residenza permanenti, ix-xiri ta' proprjetà immobbli, il-karti tal-identità, it-tkeċċijiet u ċerti kwistjonijiet tad-dritt kantonali dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali. Xi wħud minn dawn l-eċċezzjonijiet diġà jinsabu fil-ftehim eżistenti. Id-dispożizzjoni eżistenti dwar id-drittijiet tal-istudenti se tiġi riveduta, biex ma jibqax possibbli għall-Partijiet li jiddiskriminaw kontra l-istudenti tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-miżati għat-tagħlim, kif ukoll mekkaniżmi ta' appoġġ pubbliku assoċjati, f'universitajiet iffinanzjati prinċipalment b'fondi pubbliċi. Il-livell kurrenti ta' aċċess tal-istudenti tal-Unjoni għal dawk l-universitajiet fl-Iżvizzera se jkun garantit.

Barra minn hekk, klawżola ta' nonrigressjoni tistipula li l-Iżvizzera mhux se tkun obbligata tintegra acquis ġdid dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema jekk l-effett tiegħu jkun li jdgħajjef jew li jnaqqas il-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati b'mod sinifikanti fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg.

Permezz ta' protokoll mehmuż mal-ftehim aġġornat, il-partijiet se jimpenjaw ruħhom li r-regoli tal-Unjoni u tal-Iżvizzera dwar l-għoti ta' permessi ta' residenza fit-tul jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju, b'mod partikolari fir-rigward tad-durata minima ta' residenza preċedenti ta' ħames snin.

Il-klawżola ta' salvagwardja eżistenti se tiġi adattata u allinjata mal-protokoll istituzzjonali. Din tista' tiġi attivata f'każ ta' diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji kkawżati mill-applikazzjoni tal-ftehim. Jekk il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq soluzzjoni xierqa u maqbula biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni, il-parti li tallega diffikultajiet ekonomiċi serji tista' tressaq il-kwistjoni quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ. Hija tkun tista' tieħu miżuri ta' salvagwardja biss jekk it-tribunal tal-arbitraġġ iqis li s-sitwazzjoni tiġġustifikahom.

Diversi dikjarazzjonijiet konġunti li jakkumpanjaw il-ftehim jiċċaraw il-fehim konġunt tal-partijiet tad-dispożizzjonijiet dwar pereżempju l-prevenzjoni u l-azzjoni kontra l-abbuż mid-drittijiet skont l-acquis dwar il-moviment liberu tal-persuni, il-proċeduri ta' notifika fil-kuntest tal-bidu tal-impjieg, jew is-sistemi ta' kontroll effettivi, inkluża s-sistema ta' infurzar doppju tal-Iżvizzera rigward il-forniment ta' servizzi.

Skont il-ftehim, l-Iżvizzera se jkollha aċċess u se tikkontribwixxi finanzjarjament f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji standard għas-sistemi ta' informazzjoni li ġejjin:

– in-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES, European Employment Services) kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2016/589[6],

[6] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u

– l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI, Electronic Exchange of Social Security Information) kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u mir-Regolament (KE) Nru 987/2009[7],

– Il-moduli tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information) kif stabbiliti mir-Regolament (UE) 1024/2012[8] relatati mal-istazzjonar tal-ħaddiema, is-servizzi, il-kwalifiki professjonali, il-Karta Professjonali Ewropea, il-Professjonijiet Regolati u l-Gateway Diġitali Unika.

Il-parteċipazzjoni fil-pjattaforma tal-EURES se tippromwovi l-mobbiltà tax-xogħol, se tiffaċilita l-iskambju ta' postijiet tax-xogħol vakanti u profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg u tiżgura tqabbil ta' kwalità għolja bejn il-lingwi u l-kuntesti nazzjonali, inkluż permezz tal-użu tal-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO, European Skills, Competences, Qualifications and Occupations).

L-arranġamenti ta' finanzjament eżistenti se jkomplu japplikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għas-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali (MISSOC, Mutual Information System on Social Protection), li diġà għandha aċċess għaliha.

*Ftehim dwar it-trasport bl-ajru*

Il-Ftehim aġġornat dwar it-trasport bl-ajru se jipprevedi allinjament dinamiku mill-Iżvizzera fuq l-atti legali kurrenti u futuri tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru.

Il-protokoll emendatorju għall-Ftehim dwar it-trasport bl-ajru ma jbiddilx l-objettivi tal-ftehim u jagħmel bidliet limitati fit-test ewlieni u fl-anness għall-ftehim. L-aktar notevoli huwa l-iskambju reċiproku tad-drittijiet ta' kabotaġġ (li jippermettu lil-linji tal-ajru rispettivi jtiru bejn żewġ punti fit-territorju ta' Stat Membru jew tal-Iżvizzera) bejn il-Partijiet.

Ma huwa previst l-ebda aċċess addizzjonali għas-sistemi tal-informazzjoni. Il-modalitajiet finanzjarji eżistenti rigward il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Aviation Safety Agency), kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1139[9], se jkomplu japplikaw. L-arranġamenti eżistenti dwar id-drittijiet, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-EASA u l-persunal tagħha se jiġu sostitwiti bil-mudell imsemmi hawn fuq.

Mal-ftehim hemm mehmuż Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat u dan se jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni konġunta.

---

integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1).

7 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

8 Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

9 Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

*Ftehim dwar it-trasport fuq l-art*

Skont il-Ftehim aġġornat dwar it-trasport fuq l-art, bħal fil-verżjoni oriġinali tiegħu, l-Iżvizzera se tkun obbligata tadotta dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jiksbu r-riżultat li jrid jinkiseb mill-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-anness tal-ftehim.

Il-ftehim aġġornat se jiċċara li l-impriżi ferrovjarji jistgħu joperaw servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera, inkluż il-kabotaġġ internazzjonali, taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess. Il-protokoll emendatorju se jintegra d-dritt rilevanti tal-Unjoni fil-ftehim u b'hekk jiggarantixxi d-dritt li jiġu operati servizzi internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fl-Unjoni u fl-Iżvizzera.

L-Iżvizzera se tibbenefika minn ċerti eċċezzjonijiet. Pereżempju, se tkun tista' tagħti prijorità lis-servizzi ferrovjarji li huma parti mill-iskeda Żvizzera tal-ħinijiet b'intervalli regolari. Min-naħa l-oħra, l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jistgħu jagħtu prijorità, fit-territorji tagħhom, lil kumpaniji tal-Unjoni li joperaw servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq servizz ferrovjarju internazzjonali tal-passiġġieri Żvizzeru li jopera parti mis-servizz internazzjonali skont l-iskeda Żvizzera tal-ħinijiet b'intervalli regolari. L-Iżvizzera se jkollha wkoll id-dritt li tadotta strumenti ta' ġestjoni tal-kapaċità li jipprevedu għadd minimu ta' mogħdijiet tal-ferrovija fis-siegħa għal tipi definiti ta' traffiku, inklużi t-traffiku tal-passiġġieri tal-merkanzija, reġjonali u fuq distanzi twal li jistgħu jservu wkoll għan internazzjonali. Se jkollha wkoll il-possibbiltà li tobbliga lill-kumpaniji tat-trasport tal-passiġġieri jipparteċipaw fis-sistema Żvizzera tal-biljetti u tal-integrazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li tiggarantixxi l-libertà tal-ipprezzar lill-kumpaniji. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri se jkunu jistgħu wkoll jagħtu b'mod dirett kuntratti pubbliċi għal servizz fit-trasport ferrovjarju, soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi li jiggarantixxu li s-suq intern tal-Unjoni għat-territorju tal-Unjoni ma jkunx affettwat.

Filwaqt li hija koperta minn eċċezzjoni għall-allinjament dinamiku, is-sistema eżistenti Żvizzera ta' imposti għal vetturi tal-merkanzija tqal se tinġieb eqreb tas-sistema ta' imposti tal-Unjoni.

L-Iżvizzera għandha tinteraġixxi mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/796[10] bħala pajjiż terz. F'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, u wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Bord tat-Tmexxija tagħha, l-aġenzija għandha taqbel dwar arranġamenti mal-awtoritajiet Żvizzeri rilevanti li jispjegaw fid-dettall in-natura u l-firxa tal-parteċipazzjoni ta' dawn tal-aħħar fil-ħidma tal-aġenzija.

Ma huwa previst l-ebda aċċess addizzjonali għas-sistemi tal-informazzjoni. Il-modalitajiet finanzjarji eżistenti se jkomplu japplikaw għall-aċċess tal-Iżvizzera għat-TACHOnet, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 165/2014 u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68[11].

[10] Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68 tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa (ĠU L 15, 22.1.2016, p. 51), kif emendat

Mal-ftehim hemm mehmuż Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat u dan se jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni konġunta. Il-protokoll emendatorju se jkun akkumpanjat ukoll minn dikjarazzjoni konġunta.

*Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku*

Skont il-Ftehim aġġornat dwar ir-rikonoxximent reċiproku, l-Iżvizzera se tkun obbligata tadotta dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jiksbu r-riżultat li għandu jinkiseb mill-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-anness tal-ftehim. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim jiġi estiż fil-futur, l-oqsma addizzjonali se jkunu soġġetti wkoll għal dan.

Il-protokoll emendatorju għall-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku jagħmel biss bidliet limitati fit-test ewlieni u fl-anness għall-ftehim biex jiġu ddefiniti aħjar l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim, il-proċeduri applikabbli u r-rwol tal-awtoritajiet tal-partijiet u tal-operaturi ekonomiċi, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-partijiet.

Fl-oqsma kollha koperti mill-Anness 1 tal-ftehim, l-Iżvizzera se tkun obbligata tadotta leġiżlazzjoni biex tikseb l-istess riżultat bħall-acquis tal-Unjoni elenkat f'dak l-anness. Id-dispożizzjonijiet rilevanti skont il-liġi Żvizzera mhux se jibqgħu jiġu elenkati fl-anness. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola tikkonċerna l-Kapitolu 11 tal-Anness 1, fejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi Żvizzera se jkomplu jiġu elenkati. Dan jirrifletti eċċezzjoni maqbula fir-rigward tad-Direttiva 2007/45/KE[12].

F'ċerti oqsma, l-aċċess tal-Iżvizzera għat-tiswir tad-deċiżjonijiet se jkun limitat. Bħala regola, mhux se jkollha aċċess għal gruppi ta' esperti u kumitati tal-komitoloġija rilevanti li jittrattaw prodotti mediċinali. Lanqas ma għandu jkollha aċċess għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Fil-qasam tal-apparat mediku, ir-rwol tal-Iżvizzera fil-kumitati u fil-gruppi ta' esperti se jkun limitat għal dak ta' osservatur.

Skont il-ftehim aġġornat, l-Iżvizzera se jkollha aċċess u se tikkontribwixxi finanzjarjament għas-sistema ta' informazzjoni EudraGMDP dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, kif stabbilita bid-Direttiva 2004/27/KE[13].

*Ftehim dwar l-elettriku*

Il-Ftehim dwar l-elettriku se jipprevedi allinjament dinamiku mill-Iżvizzera fuq l-atti legali kurrenti u futuri tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku.

L-għan tal-Ftehim dwar l-elettriku huwa li jippermetti l-aċċess tal-Iżvizzera għas-suq intern tal-elettriku tal-Unjoni. Għandu l-għan, pereżempju, li jrawwem il-kummerċ transfruntier fl-elettriku; li jiggarantixxi l-integrità u t-trasparenza tas-suq tal-elettriku kif ukoll it-trattament ugwali tal-parteċipanti kollha fis-suq fih; li jiżgura l-istabbiltà tan-networks tal-elettriku u s-sigurtà tal-provvista; kif ukoll li jippromwovi l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija

bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1503 tal-25 ta' Awwissu 2017 (ĠU L 221, 26.8.2017, p. 10).

12 Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi r-regoli fuq il-kwantitajiet nominali ta' prodotti mballati minn qabel, li tirrevoka d-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17).

13 Id-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 34).

rinnovabbli. Il-ftehim jiddefinixxi r-regoli u l-kunċetti applikabbli għas-swieq interni tal-elettriku kif ukoll ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' atturi bħall-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u tas-sistema ta' distribuzzjoni. Jipprevedi wkoll arranġament tranżizzjonali għar-riżervi tal-kapaċità fit-tul li kienu jeżistu minn qabel fuq l-interkonnetturi fil-fruntiera Żvizzera, li ma humiex kompatibbli mal-acquis.

Fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali fis-settur tal-elettriku, l-Iżvizzera hija obbligata tadotta jew iżżomm dispożizzjonijiet tad-dritt Żvizzeru li jistabbilixxu rekwiżiti li jiżguraw tal-anqas l-istess livell ta' protezzjoni kif stabbilit fl-acquis rilevanti. Tali dispożizzjonijiet ma jistgħux jikkostitwixxu ostakolu għall-aċċess liberu mill-Unjoni għas-suq Żvizzeru ta' oġġetti u servizzi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-acquis rilevanti. Hija prevista eċċezzjoni għall-obbligu ta' allinjament dinamiku li tippermetti lill-Iżvizzera tieħu miżuri meħtieġa, proporzjonati u li ma jwasslux għal distorsjoni biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, billi tistabbilixxi u jkollha fis-seħħ riżervi tal-elettriku, sa fejn dawn ikunu kompatibbli mal-ftehim.

Skont il-ftehim, l-Iżvizzera se tkun tista' tipparteċipa fi u se jkollha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Elettriku (ACER, Agency for the Cooperation of Electricity Regulators), kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/942[14]. Il-ftehim jinkludi appendiċi standard dwar id-drittijiet, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-ACER u l-persunal tagħha. L-Iżvizzera se jkollha wkoll aċċess għal u se tikkontribwixxi finanzjarjament, f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji standard, għall-Bażi tad-Data tal-Unjoni, kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2018/2001, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli[15].

Il-ftehim jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat u se jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni konġunta.

*Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari*

Il-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari se jipprevedi allinjament dinamiku u applikazzjoni simultanja mill-Iżvizzera fl-acquis kollu tal-Unjoni marbut mal-katina alimentari.

L-annessi kurrenti relatati mal-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS, Sanitary and Phytosanitary measures) għall-Ftehim eżistenti dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli se jitneħħew mill-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli u s-suġġett tagħhom se jiġi ttrattat fil-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari. Huwa minn dawk l-annessi li l-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli fil-forma kurrenti tiegħu jikseb il-kwalifika preżenti tiegħu bħala ftehim f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

Il-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari li jissupplimenta l-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli se jibqa' marbut mal-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli fis-sens li jekk il-ftehim jew il-protokoll ikun intemm, l-istrument l-ieħor jintemm awtomatikament ukoll.

---

[14] Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

[15] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

Il-protokoll jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari li tkopri d-dimensjonijiet kollha tal-katina alimentari. L-objettivi tagħha huma pereżempju li ttejjeb is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, li tiżgura livell għoli tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, li tiġġieled ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, u li ttejjeb il-protezzjoni tal-annimali u li tippromwovi standards għoljin ta' benesseri tal-annimali.

Minbarra l-allinjament dinamiku fir-rigward tal-atti legali kollha fl-acquis tal-Unjoni relatati mal-katina alimentari kollha, il-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari jinkludi obbligu għall-Iżvizzera li tapplika temporanjament kwalunkwe att mhux leġiżlattiv ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni sekondarja applikabbli mid-data li fiha tali atti mhux leġiżlattivi jsiru applikabbli fl-Unjoni, u sad-data tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-inkorporazzjoni tal-att, sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni simultanja tagħhom fiż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari kollha kemm hi.

L-eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' allinjament dinamiku se jippermettu lill-Iżvizzera, taħt ċerti kundizzjonijiet, iżżomm id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati u l-benesseri tal-annimali. Barra minn hekk, l-Iżvizzera se tkun tista' wkoll iżżomm il-miżuri tagħha fir-rigward tal-importazzjoni tal-laħam taċ-ċanga minn baqar li potenzjalment ġew ittrattati bi promoturi ta' tkabbir ormonali, dment li tali laħam taċ-ċanga ma jiġix ittrasferit lejn l-Unjoni.

Se jkun possibbli li jittieħdu miżuri ta' kumpens f'każ ta' nuqqas ta' konformità minn parti mad-deċiżjoni ta' tribunal tal-arbitraġġ jew fil-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari jew fi kwalunkwe ftehim ieħor f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera, jew fil-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli.

Sabiex l-Iżvizzera tkun tista' tħejji l-bidla mis-sistema kurrenti bbażata fuq l-ekwivalenza għal sistema bbażata fuq il-prinċipju li skontu l-acquis tal-Unjoni nnifsu japplika simultanjament fit-territorju tagħha, il-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari jipprevedi li l-annessi kurrenti relatati mal-SPS tal-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli se jibqa' jkollhom effetti legali għal perjodu tranżizzjonali ta' mhux aktar minn 24 xahar. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, id-dispożizzjonijiet kollha tal-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari se japplikaw bis-sħiħ.

Il-protokoll jipprevedi l-aċċess tal-Iżvizzera għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority), kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002[16], u jinkludi l-appendiċi standard dwar id-drittijiet, il-privileġġi u l-immunitajiet tagħha kif ukoll dawk tal-persunal tagħha. Il-protokoll jipprevedi wkoll kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji standard imsemmija hawn fuq għall-finanzjament tal-EFSA kif ukoll is-sistemi ta' informazzjoni li ġejjin:

– il-Portal EUROPHYT, kif stabbilit bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/3/KE[17],
– is-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF, Rapid Alert System for Food and Feed), kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002[18],

[16] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

[17] Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/3/KE tal-21 ta' Jannar 1994 li tistabbilixxi proċedura għan-notifika ta' interċettazzjoni ta' kunsinna jew organiżmu jikkawżaw ħsara minn pajjiżi terzi u li jkun ta' periklu fitosanitarju imminenti (ĠU L 32, 5.2.1994, p. 37).

– il-pjattaforma għaċ-ċertifikazzjoni sanitarja u fitosanitarja (TRACES, Trade Control and Expert System), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2017/625[19], u

– is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS, Animal Diseases Information System), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2020/2002[20].

Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli

Ladarba l-emendi tal-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli introdotti mill-protokoll emendatorju speċifiku jidħlu fis-seħħ, il-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli mhux se jibqa' jitqies bħala ftehim f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

Wara t-tħassir tal-annessi relatati mal-SPS għall-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim emendat, inklużi l-annessi li jifdal tiegħu se jkun limitat għall-aspetti kummerċjali. Għaldaqstant, il-kunċetti ta' interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-acquis tal-Unjoni, ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-allinjament dinamiku u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma humiex rilevanti. Għalhekk, il-qafas istituzzjonali previst f'dan il-ftehim ivarja minn dak fil-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari.

Il-protokoll emendatorju se jaġġorna l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-prattika stabbilita fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni u tal-Iżvizzera. Il-proċedura applikabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim se tkun ibbażata fuq dik inkluża fil-ftehimiet fl-oqsma tas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera. Il-ftehim jikkondividi magħhom ukoll sett ta' dispożizzjonijiet komuni rigward it-tribunal tal-arbitraġġ. Ma huwa previst l-ebda rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-soluzzjoni tat-tilwim. Miżuri ta' kumpens f'każ ta' nuqqas ta' konformità- minn parti mad-deċiżjoni ta' tribunal tal-arbitraġġ jistgħu jittieħdu jew fil-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli jew fil-Protokoll dwar iż-Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari, iżda mhux fi ftehimiet oħra f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera.

---

18 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

19 Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

20 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2002 tas-7 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifika tal-Unjoni u r-rapportar tal-Unjoni ta' mard elenkat, tal-formati u l-proċeduri għas-sottomissjoni u għar-rapportar tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni u tal-programmi ta' eradikazzjoni u għall-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard, u tas-sistema ta' informazzjoni kompjuterizzata (ĠU L 412, 8.12.2020, p. 1).

Ftehimiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma tas-saħħa, il-koeżjoni, il-programmi tal-Unjoni u l-ispazju

*Ftehim dwar is-saħħa*

Il-Ftehim dwar is-saħħa għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera fir-rigward ta' theddid transfruntier serju għas-saħħa billi jintegra lill-Iżvizzera fil-mekkaniżmi u fil-korpi rilevanti.

Dan ma jikkostitwix ftehim f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera. Madankollu, japplika d-dispożizzjonijiet istituzzjonali identiċi msemmija hawn fuq *b'analoġija* u jinkludi obbligu ta' allinjament dinamiku mal-acquis rilevanti tal-Unjoni.

Il-ftehim jikkondividi mal-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera sett ta' dispożizzjonijiet komuni rigward it-tribunal tal-arbitraġġ, inkluż rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' tilwim, jistgħu jittieħdu miżuri ta' kumpens biex jiġi rrimedjat żbilanċ potenzjali jew fil-Ftehim dwar is-saħħa jew fil-komponent tas-saħħa (il-programm l-UE għas-Saħħa, EU4Health) tal-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni.

Il-ftehim jipprevedi l-aċċess u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji standard għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-mard (ECDC, European Centre for Disease Prevention and Control), kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 851/2004[21]. Dan jinkludi l-appendiċi standard dwar id-drittijiet, l-immunitajiet u l-privileġġi tal-ECDC u l-persunal tiegħu.

Fil-każ tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS, Early Warning and Response System), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2371[22], il-kontribuzzjoni finanzjarja Żvizzera taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) kurrenti se tkun parti mill-kontribuzzjoni tagħha għall-finanzjament tal-ECDC, minn naħa, u l-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health), min-naħa l-oħra. Jekk, skont il-QFP li jmiss, l-EWRS tiġi ffinanzjata permezz ta' sorsi differenti, il-modalitajiet imsemmija hawn fuq se japplikaw għall-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għall-EWRS.

*Ftehim dwar il-koeżjoni*

Il-Ftehim dwar il-koeżjoni ma huwiex ftehim f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

Dan jistabbilixxi l-bażi għal kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni, b'mod komplementari għall-miżuri tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-koeżjoni.

Il-ftehim jistabbilixxi l-parametri u r-regoli għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera. Il-perjodi ta' kontribuzzjoni se jiġu ddefiniti skont il-qafas finanzjarju pluriennali applikabbli tal-Unjoni. L-ewwel perjodu ta' kontribuzzjoni huwa previst li se jkun mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2036. Dan se jiġi kkomplementat

21 Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004).

22 Ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26).

b'impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba li jkopri l-perjodu bejn tmiem l-2024 u tmiem l-2029.

Fil-bidu ta' kull perjodu ta' kontribuzzjoni, il-partijiet se jkollhom jikkonkludu Memorandum ta' Qbil (MtQ) li jiddeskrivi l-oqsma tematiċi li fihom tista' tintuża l-kontribuzzjoni finanzjarja Żvizzera matul dak il-perjodu, pereż.: l-iżvilupp uman u soċjali inkluživ, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inkluživ, it-tranżizzjoni ekoloġika, id-demokrazija u l-parteċipazzjoni, jew il-migrazzjoni.

Il-MtQ għandu jispjega wkoll l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja, stabbilit abbażi tar-regoli stabbiliti fil-ftehim. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera ma hijiex se tiġi ttrasferita lill-baġit tal-Unjoni.

Il-MtQ se jifforma l-bażi għal ftehimiet ta' implimentazzjoni speċifiċi għall-pajjiż bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri benefiċjarji. Dawn il-ftehimiet se jispeċifikaw l-allokazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-fondi, kif ukoll id-distribuzzjoni tagħhom bejn l-oqsma tematiċi, il-miżuri ta' appoġġ, l-istrutturi għall-ġestjoni u l-kontroll u l-kundizzjonijiet applikabbli, u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru inkwistjoni.

Il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-ftehim għandu aspetti komuni iżda wkoll differenzi meta mqabbel ma' dak inkluż fil-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera. B'mod partikolari, jikkondividi magħhom sett ta' dispożizzjonijiet komuni rigward it-tribunal tal-arbitraġġ. Madankollu, ma jipprevedix rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' tilwim, jistgħu jittieħdu miżuri ta' kumpens biex jiġi rrimedjat żbilanċ potenzjali fil-Ftehim dwar il-koeżjoni jew fi kwalunkwe wieħed mill-Ftehimiet elenkati fil-Ftehim dwar il-koeżjoni.

*Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni*

Il-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni jistabbilixxi l-qafas legali għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programmi tal-Unjoni. Dan jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-kostijiet amministrattivi tagħhom, u jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-ftehim jistabbilixxi l-kundizzjonijiet rigward il-mobbiltà ta' persuni li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi tal-Unjoni. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet rigward is-sospensjoni tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni u t-terminazzjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja tiegħu b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2025, jekk iffirmat qabel il-15 ta' Novembru 2025, bl-għan li tinbeda l-kooperazzjoni fl-oqsma koperti mill-ftehim fid-data speċifikata għal kull programm. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Programm EU4Health, dik id-data hija marbuta mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Saħħa.

Il-Protokoll I jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera mal-programmi tal-Unjoni li ġejjin:

– *Orizzont Ewropa* kollu kemm hu, mill-1 ta' Jannar 2025: Orizzont Ewropa (2021–2027)[23] huwa l-programm ta' finanzjament prinċipali tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni;

– il-*Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom*, mill-1 ta' Jannar 2025: il-programmi li jikkomplementaw il-programm Orizzont Ewropa u li jaqgħu taħt it-Trattat Euratom[24]*;*

– *Erasmus+*, mill-1 ta' Jannar 2027: Erasmus+ huwa l-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport[25];

– Il-komponenti kollha ta' *Ewropa Diġitali*, ħlief għal dawk dwar iċ-ċibersigurtà u s-semikondutturi, mill-1 ta' Jannar 2025: Ewropa Diġitali huwa l-programm tal-Unjoni li għandu l-għan li jnaqqas id-diskrepanza bejn ir-riċerka dwar it-teknoloġija diġitali u l-użu fis-suq.

Il-Protokoll II jkopri l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Enerġija mill-Fużjoni (F4E, Fusion For Energy), l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER, kif stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom[26].

Il-Protokoll III jipprevedi l-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera ma' partijiet speċifiċi tal-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) [27] relatati mat-tħejjija għall-kriżijiet kif koperti mill-Ftehim dwar is-saħħa. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-Programm l-UE għas-Saħħam (EU4Health) mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-saħħa, għad-durata li jkun għad fadal tal-Programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) jew sa tmiem il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027, skont liema jkun l-iqsar.

*Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali*

Il-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali ma huwiex ftehim f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera. Huwa jispjega l-kundizzjonijiet li jagħtu d-dritt lill-Iżvizzera tipparteċipa fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA, European Union Agency for the Space Programme), kif stabbilita bir-Regolament (UE)

---

[23] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 81).

[25] Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

[26] 2007/198/Euratom: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

[27] Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa", EU4Health) għall-perjodu 2021–2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

2021/696[28]. Huwa bbażat fuq il-ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera tal-2014 dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita[29]. Il-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali jipprevedi li l-Partijiet se japplikawh b'mod proviżorju wara li jiffirmawh.

Il-ftehim jistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja Żvizzera għall-EUSPA, bl-użu tal-istess koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-kalkolu tat-tariffi tal-operat u tal-parteċipazzjoni bħal dak stabbilit fil-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera mill-2028. Skont id-data minn meta l-ftehim se jiġi applikat b'mod proviżorju, il-perċentwal tat-tariffa operazzjonali li abbażi tagħha se jiġu kkalkulati t-tariffi tal-parteċipazzjoni se jkun ta' 2 % u 3 % għall-2026 u l-2027 rispettivament. Mill-2028, il-perċentwal se jkun l-istess bħal dak użat fi ftehimiet oħra li jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-aġenziji, jiġifieri 4 %.

Il-ftehim jippermetti wkoll il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'attivitajiet relatati ma' komponenti oħrajn tal-programm spazjali, lil hinn minn Galileo u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS, European Geostationary Navigation Overlay Service) kif stabbilit fil-ftehim tal-2014, jekk dan ikun previst minn protokoll għall-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni.

Il-ftehim jinkludi l-appendiċi standard dwar id-drittijiet, l-immunitajiet u l-privileġġi tal-EUSPA u dawk tal-persunal tagħha.

Protokoll dwar il-kooperazzjoni parlamentari

Il-Protokoll dwar il-kooperazzjoni parlamentari jistabbilixxi Kumitat Parlamentari Konġunt bħala forum għad-djalogu u d-dibattitu bejn il-membri tal-Parlament Ewropew u l-Assemblea Federali Żvizzera. L-għan tiegħu huwa li javvanza l-fehim reċiproku u r-riflessjoni dwar ir-relazzjoni wiesgħa bejn l-UE u l-Iżvizzera, inkluż l-iżvilupp ulterjuri possibbli tagħha. Il-Kumitat Konġunt Parlamentari għandu jiġi infurmat fuq bażi regolari dwar id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitati Konġunti stabbiliti minn kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet li jiffurmaw parti mill-pakkett wiesa'. Huwa jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim fil-pakkett wiesa' u jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera

L-għanijiet tad-djalogu ta' livell għoli li għandu jiġi stabbilit huma:

– li jippromwovi l-fehim reċiproku u l-kooperazzjoni dwar il-pakkett bilaterali wiesa' nnegozjat u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom;
– li jiddiskuti kwistjonijiet ta' interess reċiproku, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern u l-possibbiltajiet li tissaħħaħ is-sħubija tagħhom; u

[28] Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

[29] Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita (ĠU L 15, 20.1.2014, p. 3).

– li jevalwa l-implimentazzjoni tal-pakkett bilaterali wiesa', il-ħidma tal-Kumitati Konġunti u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom.

**Testi tal-ftehimiet u notifiki**

It-testi tal-ftehimiet u l-protokolli huma ppreżentati lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta. It-testi tad-dikjarazzjonijiet konġunti li jakkumpanjaw diversi ftehimiet jew protokolli huma ppreżentati flimkien ma' din il-proposta, flimkien ma' dikjarazzjoni konġunta dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera u żewġ dikjarazzjonijiet unilaterali mill-Iżvizzera fir-rigward tal-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-Ftehim dwar is-saħħa rispettivament.

F'konformità mat-Trattati, huwa f'idejn il-Kummissjoni li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, biex tagħmel in-notifiki previsti fil-ftehimiet u l-protokolli, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta b'dawk l-istrumenti.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet istituzzjonali u dispożizzjonijiet komuni oħrajn tal-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera u l-Ftehim dwar is-saħħa

| **Dispożizzjonijiet tal-ftehim** | **Dispożizzjonijiet identiċi dwar** |
|---|---|
| Dispożizzjonijiet ġenerali | – objettivi istituzzjonali u/jew l-għan tal-ftehim<br>– in-natura tal-ftehim u r-relazzjoni tal-protokolli mal-ftehim (fil-każ ta' ftehim eżistenti) |
| Allinjament tal-ftehim fuq l-atti legali tal-UE | – l-obbligu għall-Kumitat Konġunt li jintegra atti ġodda li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim fil-ftehim<br>– il-parteċipazzjoni fl-abbozzar ta' att legali ("tiswir tad-deċiżjonijiet") u l-integrazzjoni tal-atti legali fil-ftehim<br>– it-twettiq tal-obbligi kostituzzjonali mill-Iżvizzera |
| Interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ftehim | – interpretazzjoni uniformi, applikazzjoni effettiva u armonjuża, u prinċipji ta' esklużività<br>– proċedura f'każ ta' diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni, miżuri ta' kumpens u kooperazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet |
| Dispożizzjonijiet oħrajn | – il-Kumitat Konġunt<br>– il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-finanzjament tal-aġenziji u tas-sistemi tal-informazzjoni li għalihom għandha aċċess<br>– it-trattament tal-informazzjoni<br>– referenzi fl-atti legali tal-Unjoni għal: it-territorji u ċ-ċittadini tal-Istati Membri, id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' atti legali, id-destinatarji, id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri |
| Dispożizzjonijiet finali | – id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni<br>– il-modifiki u t-terminazzjoni |
| Anness dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera | – il-lista ta' attivitajiet, korpi u sistemi ta' informazzjoni<br>– il-modalitajiet ta' pagament<br>– l-arranġamenti tranżizzjonali (fejn rilevanti) |
| Anness / appendiċi dwar it-tribunal tal-arbitraġġ | – is-servizzi tar-reġistru u tas-segretarjat tat-tribunal tal-arbitraġġ<br>– il-bidu tas-soluzzjoni tat-tilwim<br>– il-kompożizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ<br>– il-proċedimenti tal-arbitraġġ |

| | |
|---|---|
| | – id-deċiżjonijiet tat-tribunal tal-arbitraġġ |
| Appendiċi dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-aġenziji | – l-invjolabbiltà tal-postijiet, tal-bini u tal-arkivji tal-aġenzija<br>– l-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-assi, id-dħul u l-oġġetti u s-servizzi għall-użu uffiċjali<br>– l-istatus diplomatiku tal-korrispondenza u tal-komunikazzjonijiet<br>– il-privileġġi, l-immunitajiet, it-tassazzjoni u l-kopertura tas-sigurtà soċjali tal-uffiċjali koperti mir-Regolamenti tal-Persunal |

Tabella 2: Dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat komuni għall-Ftehim dwar l-elettriku u l-Protokolli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru u dwar it-trasport fuq l-art

| **Parti / kapitolu tal-protokoll jew l-annessi dwar l-għajnuna mill-Istat** | **Dispożizzjonijiet identiċi dwar** |
|---|---|
| Test ewlieni | – l-objettivi relatati mal-għajnuna mill-Istat<br>– ir-relazzjoni tal-protokoll mal-ftehim eżistenti (fil-każ ta' ftehim eżistenti)<br>– l-għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli u kompatibbli mal-ftehim, u l-għajnuna eżistenti<br>– is-sorveljanza, it-trasparenza, il-modalitajiet tal-kooperazzjoni u l-konsultazzjonijiet<br>– l-integrazzjoni tal-atti legali<br>– ir-ratifika u d-dħul fis-seħħ, il-modifiki u t-terminazzjoni |
| l-Anness dwar l-eżenzjonijiet u l-kjarifiki | – il-miżuri kompatibbli mal-funzjonament xieraq tas-suq intern |
| Anness dwar l-atti ġenerali u settorjali applikabbli fl-Unjoni | – l-atti ġenerali applikabbli għas-setturi kollha, ikkomplementati b'regoli settorjali speċifiċi għall-qasam kopert mill-ftehim inkwistjoni |

2025/0162 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(i), l-Artikolu 218(7), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill […] ta' [data][2], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjon ġie ffirmat nhar [data], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, u ilu japplika b'mod proviżorju minn [data], sakemm jidħol fis-seħħ.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill […] ta' [data][3], ġie ffirmat pakkett wiesa' ta' ftehimiet nhar [data], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ġie applikat proviżorjament minn [data], sakemm jidħol fis-seħħ.

(3) Fit-12 ta' Marzu 2024[4], il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera (minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll "l-Iżvizzera")

[1] [Kunsens] ippubblikat f'Il-ĠU L, [XXX].

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi Programmi tal-Unjoni.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE).../... [dwar l-iffirmar ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/995 tat-12 ta' Marzu 2024 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatati mas-suq intern, dwar ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi programmi tal-Unjoni u dwar ftehim li jifforma l-bażi għall-kontribuzzjoni permanenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni (ĠU L, 2024/995, 26.3.2024).

għal pakkett wiesa' ta' miżuri relatati mar-relazzjonijiet bilaterali mal-Iżvizzera, li jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali u dwar l-għajnuna mill-Istat, u fejn meħtieġ, adattamenti speċifiċi, għall-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera f'oqsma relatati mas-suq intern[5], ta' ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni u ftehim li jifforma l-bażi għall-kontribut permanenti tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni. Il-Kunsill kien awtorizza wkoll lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Iżvizzera dwar ftehimiet ġodda dwar l-elettriku, is-saħħa, is-sikurezza alimentari, il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u għall-Ferroviji, u dwar l-emenda tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru biex ikun jista' jsir il-kabotaġġ.

(4) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, pakkett wiesa' ta' ftehimiet li jinkludu protokolli dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali, dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat u dispożizzjonijiet li jemendaw il-ftehimiet eżistenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, Protokoll mal-Ftehim eżistenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, kif ukoll Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni parlamentari.

(5) Il-protokolli istituzzjonali jistabbilixxu obbligu għall-Kumitat Konġunt li jintegra l-atti kollha tad-dritt tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet kif ukoll dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-Iżvizzera tkun marbuta bir-regoli inkwistjoni. Huma jiżguraw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-ftehimiet kollha f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera u li, meta l-applikazzjoni ta' dawk il-ftehimiet tinvolvi kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, dawn jiġu interpretati u applikati f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-protokolli istituzzjonali jistabbilixxu mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim ibbażat fuq l-arbitraġġ, inkluż ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-mistoqsijiet kollha dwar id-dritt tal-Unjoni li jirriżultaw mill-kawża. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, jistgħu jiġu adottati miżuri ta' kumpens proporzjonati fil-ftehim ikkonċernat jew fi kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera.

---

[5] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u tal-passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u bit-Triq, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, kollha ffirmati fil-21 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

(6) Il-protokolli ta' emenda għall-ftehimiet eżistenti jagħmlu l-bidliet sostantivi meħtieġa konsistenti mal-qafas istituzzjonali l-ġdid. Barra minn hekk, il-protokoll emendatorju għall-ftehim dwar it-trasport bl-ajru jipprevedi l-iskambju reċiproku tad-drittijiet ta' kabotaġġ.

(7) Il-protokolli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ftehimiet eżistenti dwar it-trasport bl-ajru u t-trasport fuq l-art jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern fl-oqsma koperti minn dawk il-ftehimiet. L-Iżvizzera se tapplika regoli sostantivi u proċedurali, inklużi mekkaniżmi ta' sorveljanza u infurzar, ekwivalenti għal dawk li japplikaw fl-Unjoni.

(8) Il-protokoll emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli jipprovdi aġġornament tal-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim tal-ftehim skont il-prattika stabbilita fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni.

(9) Protokoll separat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari li tkopri d-dimensjonijiet kollha tal-katina alimentari. Dan il-protokoll jinkludi d-dispożizzjonijiet istituzzjonali li huma komuni għall-ftehimiet kollha f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera.

(10) Il-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet li taħthom l-Iżvizzera tista' tipparteċipa fis-suq intern tal-elettriku. Il-ftehim jinkludi d-dispożizzjonijiet istituzzjonali li huma komuni għall-ftehimiet kollha f'oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera kif ukoll regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li huma kważi identiċi għal dawk li japplikaw fl-oqsma tat-trasport bl-ajru u tat-trasport fuq l-art.

(11) Il-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa u japplika, b'analoġija, id-dispożizzjonijiet istituzzjonali li huma komuni għall-ftehimiet fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera. Dan il-ftehim huwa marbut mal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa ("il-Programm l-UE għas-Saħħa", EU4Health).

(12) Il-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-bażi legali u jistipula l-parametri għall-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera, fil-qafas tal-pakkett wiesa', lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni. Il-ftehim jinkludi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim; f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni tal-arbitraġġ, jistgħu jiġu adottati miżuri ta' kumpens proporzjonati fi kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet li jirrelata magħhom il-pakkett.

(13) Il-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni se jippermetti lill-Iżvizzera tipparteċipa f'diversi programmi tal-Unjoni miftuħa għall-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi: Orizzont Ewropa, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, ITER/F4E (Enerġija mill-Fużjoni), Ewropa Diġitali, Erasmus+, kif ukoll il-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health).

(14) Il-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-Iżvizzera tista' tipparteċipa fil-ħidma tal-aġenzija.

(15) Id-dispożizzjonijiet identiċi fil-protokolli istituzzjonali differenti u fi ftehimiet ġodda jiżguraw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lejn il-kostijiet tas-sistemi ta' informazzjoni u tal-aġenziji li tipparteċipa fihom.

(16) Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni parlamentari jistabbilixxi Kumitat Parlamentari Konġunt bħala forum għad-djalogu u d-dibattitu bejn il-membri tal-Parlament Ewropew u tal-Assemblea Federali Żvizzera, bil-ħsieb li jkompli jiżdied il-fehim reċiproku tar-relazzjoni wiesgħa bejn l-UE u l-Iżvizzera, inkluż l-iżvilupp ulterjuri possibbli tagħha

(17) Minħabba l-bidliet sostanzjali tal-ftehimiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[6], l-Artikoli 2 sa 6 ta' dik id-Deċiżjoni u l-Artikoli 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/51/UE[7] u 2011/738/UE[8] jenħtieġ li jitħassru u jiġu sostitwiti b'din id-Deċiżjoni, li tipprevedi sett konsistenti u komprensiv ta' regoli dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni fl-Unjoni tal-ftehimiet rilevanti.

(18) Huwa xieraq li jiġu definiti l-modalitajiet tar-rappreżentanza tal-Unjoni fil-Kumitati Konġunti u korpi oħra stabbiliti mill-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni.

(19) Skont l-Artikolu 218(7) tat-TFUE, huwa xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tiġi awtorizzata tapprova f'isem l-Unjoni sett ta' modifiki definiti b'mod preċiż għall-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni li jridu jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata jew minn korp stabbilit minn wieħed mill-ftehimiet jew mill-protokolli f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawk il-ftehimiet jew il-protokolli. Id-deċiżjonijiet l-oħra kollha li jridu jittieħdu minn korp stabbilit minn wieħed mill-ftehimiet jew mill-protokolli li għandhom effetti legali jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

(20) F'dak il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-arranġamenti għat-teħid ta' deċiżjoni dwar il-pożizzjonijiet li jridu jittieħdu f'isem l-Unjoni fil-Kumitati Konġunti u f'korpi oħra stabbiliti mill-ftehimiet u l-protokoll f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa sabiex jiġi ggarantit li l-atti legali adottati mill-Unjoni fl-oqsma koperti minn dawk il-ftehimiet u l-protokoll jiġu integrati f'dawk il-ftehimiet u

[6] Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/51/UE tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 25, 18.1.2011, p. 3).

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/738 tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 297, 16.11.2011, p. 1).

dak il-protokoll kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni u t-trażmissjoni lejn l-Iżvizzera sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni simultanja ta' dawk l-atti legali fl-Unjoni u fl-Iżvizzera.

(21) Bil-għan li l-Unjoni tkun tista' tieħu azzjoni rapida u effettiva biex tipproteġi l-interessi tagħha f'konformità mal-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni, huwa barra minn hekk xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tiġi awtorizzata tadotta deċiżjonijiet li jissospendu l-applikazzjoni tal-ftehimiet u l-protokolli permezz ta' miżuri kompensatorji, ta' salvagwardja, ta' bbilanċjar, ta' kriżi u ta' sospensjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehimiet u l-protokolli.

(22) Fir-rigward tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, ċerti miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim jenħtieġ li jkomplu jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

(23) Il-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din id-deċiżjoni jikkostitwixxu unità sħiħa koerenti u jistabbilixxu l-arkitettura ta' sħubija msaħħa u komprensiva f'firxa wiesgħa ta' oqsma koperti mit-Trattati, abbażi ta' bilanċ xieraq ta' drittijiet u obbligi. Id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet u l-protokolli jenħtieġ li għalhekk tkun ibbażata fuq il-bażi legali sostantiva prevista fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiliment ta' assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjoni komuni u proċedura speċjali.

(24) Il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom") hija soġġetta għal proċedura separata.

(25) Id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli dwar il-pakkett bilaterali wiesa' u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera ġiet iffirmata f'isem l-Unjoni Ewropea nhar [data].

(26) Jenħtieġ li jiġu approvati l-ftehimiet u l-protokolli li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni u d-dikjarazzjonijiet konġunti li jakkumpanjaw dawk il-ftehimiet u l-protokolli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-ftehimiet u l-protokolli li ġejjin huma b'dan approvati:

(a) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni[9];

(b) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni[10];

[9] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[10] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].

(c) Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru[11];

(d) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru[12];

(e) Il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru[13];

(f) Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferrovija u tat-Triq[14];

(g) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferrovija u bit-Triq;

(h) Il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferrovija u bit-Triq[15];

(i) Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità[16];

(j) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità[17];

(k) Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli[18];

(l) Il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari[19];

(m) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku[20];

(n) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa[21];

(o) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea[22];

[11] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[12] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[13] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[14] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[15] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[16] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[17] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[18] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[19] It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[20] It-test tal-ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[21] It-test tal-ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
[22] It-test tal-ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].

(p) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali[23];

(q) Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni parlamentari[24].

2. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan approvat fir-rigward ta' kwistjonijiet għajr dawk li jaqgħu taħt it-Trattat Euratom[25].

*Artikolu 2*

1. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-istabbiliment ta' djalogu ta' livell għoli dwar il-pakkett bilaterali wiesa' u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera hija b'dan approvata[26].

2. Id-dikjarazzjonijiet konġunti li ġejjin li jakkumpanjaw il-ftehimiet u l-protokolli msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan approvati:

(a) Id-dikjarazzjonijiet konġunti li ġejjin li jakkumpanjaw il-protokoll emendatorju msemmi fl-Artikolu 1, il-punt (a) ta' din id-Deċiżjoni[27]:

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prevenzjoni u l-azzjoni kontra l-abbuż tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 2004/38/KE;

– id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-rifjut tal-assistenza soċjali u t-terminazzjoni tar-residenza qabel il-kisba ta' residenza permanenti;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-notifika tal-bidu ta' impjieg;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konvenzjoni tar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-pożizzjonijiet vakanti tax-xogħol;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar objettivi komuni rigward il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għal sa 90 jum tax-xogħol u l-iżgurar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar sistemi ta' kontroll effettivi inkluża s-sistema ta' infurzar doppju tal-Iżvizzera;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post" u dwar livell proporzjonat u adegwat ta' protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-attivitajiet tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol;

---

23 It-test tal-ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
24 It-test tal-protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
25 It-test tal-ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, [XXX].
26 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].
27 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-sistema ta' reġistrazzjoni dikjaratorja tal-ħaddiema fruntaliera;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-inklużjonijiet ta' żewġ atti legali tal-UE fl-Anness I tal-Ftehim;

(b) Id-dikjarazzjoni konġunta li takkumpanja l-protokoll dwar l-għajnuna mill-Istat imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni[28];

(c) Id-dikjarazzjoni konġunta li takkumpanja l-protokoll emendatorju msemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni[29];

(d) Id-dikjarazzjoni konġunta li takkumpanja l-protokoll dwar l-għajnuna mill-Istat imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (h) ta' din id-Deċiżjoni[30];

(e) Id-dikjarazzjoni konġunta li takkumpanja l-ftehim imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (m) ta' din id-Deċiżjoni[31].

3. Il-Kunsill jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet li ġejjin mill-Iżvizzera:

(a) Id-Dikjarazzjoni mill-Iżvizzera dwar miżuri li jridu jittieħdu fir-rigward ta' persuni b'impjieg indipendenti fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika għal soġġorni għal żmien qasir relatati max-xogħol li takkumpanja l-protokoll emendatorju msemmi fl-Artikolu 1, il-punt (a) ta' din id-Deċiżjoni[32];

(b) Id-Dikjarazzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-inklużjoni tal-elementi istituzzjonali b'analoġija fil-Ftehim dwar is-Saħħa li jakkumpanja l-ftehim imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (n) ta' din id-Deċiżjoni[33].

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kumitati Konġunti, kif ukoll fi kwalunkwe korp konġunt ieħor stabbilit skont il-ftehimiet u l-protokoll li ġejjin:

(a) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(b) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru;

(c) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u tal-passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u bit-triq;

(d) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità;

(e) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli;

---

28 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].
29 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].
30 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].
31 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].
32 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].
33 Id-Dikjarazzjoni hija ppubblikata fil-ĠU L, [XXX].

(f) Il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni tas-Sikurezza Alimentari;

(g) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku;

(h) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa;

(i) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea;

(j) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni;

(k) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

2. Meta l-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Unjoni fil-korpi stabbiliti mill-ftehimiet u mill-protokoll imsemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-Kunsill b'mod f'waqtu dwar id-diskussjonijiet u l-eżitu tal-laqgħat u tal-atti adottati f'dawk il-laqgħat.

3. Kull Stat Membru għandu jitħalla jibgħat rappreżentant wieħed biex jakkumpanja lir-rappreżentant tal-Kummissjoni, bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni, f'laqgħat tal-Kumitati Konġunti stabbiliti mill-ftehimiet u l-protokoll imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tadotta l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitati Konġunti stabbiliti mill-ftehimiet u l-protokoll imsemmija fl-Artikolu 3(1) fir-rigward tad-deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) deċiżjonijiet li jistabbilixxu struzzjonijiet għall-immaniġġar ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata;

(b) deċiżjonijiet li jistabbilixxu gruppi ta' ħidma jew gruppi ta' esperti f'konformità ma':

- l-Artikolu 14(7) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 21(8) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 51(7) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 10(7) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 6(7) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 11(8) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 25(8) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (g) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 19(7) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (h) ta' din id-Deċiżjoni;

(c) deċiżjonijiet li jintegraw l-atti legali tal-Unjoni fil-ftehimiet, soġġetti għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, f'konformità ma':

– l-Artikoli 5(4) rispettivi tal-protokolli istituzzjonali għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (d), ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 13(4) tal-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 27(4) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (g) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 6(4) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (h) ta' din id-Deċiżjoni;

(d) deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-lista ta' kumitati addizzjonali u korpi oħra li fihom għandhom ikunu involuti l-esperti tal-Iżvizzera, fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-ftehimiet jew tal-protokolli, f'konformità ma':

– l-Artikoli 4(4) rispettivi tal-protokolli istituzzjonali għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (d), ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 12(4) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 26(4) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (g) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikolu 5(4) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (h) ta' din id-Deċiżjoni;

(e) deċiżjonijiet li jadottaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, is-segretezza professjonali u l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità li l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ jeħtieġ li jirrispetta meta jippubblika d-deċiżjonijiet tat-tribunal tal-arbitraġġ, f'konformità mal-Artikoli IV.2(4) rispettivi tal-ftehimiet jew protokolli li ġejjin:

– l-Appendiċijiet rispettivi tal-protokolli istituzzjonali għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (d) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Appendiċi tat-tribunal tal-arbitraġġ għall-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

– il-protokolli rispettivi dwar it-tribunal tal-arbitraġġ għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (e), (g), (h) u (i);

(f) id-deċiżjonijiet li jadottaw u jaġġornaw il-lista ta' kumpens ta' kuljum u s-sigħat massimi u minimi, li għalihom l-arbitri jistgħu jirċievu miżati, f'konformità mal-Artikoli VI.6(2) rispettivi tal-ftehimiet jew protokolli li ġejjin:

– l-Appendiċijiet rispettivi dwar it-tribunal tal-arbitraġġ tal-protokolli istituzzjonali għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (d) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Appendiċi tat-tribunal tal-arbitraġġ għall-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

– il-protokolli rispettivi tat-tribunal tal-arbitraġġ għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (e), (g), (h) u (i), ta' din id-Deċiżjoni;

(g) id-deċiżjonijiet li ġejjin skont il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) ta' din id-Deċiżjoni:

– deċiżjonijiet li jiddifferenzjaw l-imposti applikabbli għall-kategoriji tal-vetturi tqal u li jiddeterminaw il-medja ponderata tal-imposti msemmija fl-Artikoli 40(2) u 40(3) tal-ftehim, f'konformità mal-Artikoli 40(2) u (5) tiegħu;

– deċiżjonijiet li jirrieżaminaw u jaġġornaw il-livelli massimi tal-imposti stabbiliti fl-Artikolu 40(3) tal-ftehim; f'konformità mal-Artikolu 42(2) tagħha;

– deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-proċeduri amministrattivi li jirregolaw l-operat tal-osservatorju għall-monitoraġġ tat-traffiku tat-triq, tal-ferroviji u kkombinat fir-reġjun tal-Alpi kif ukoll il-kontribut ta' kull Parti Kontraenti għall-finanzjament tal-operat tagħha, f'konformità mal-Artikoli 45(2) u 45(3) tal-ftehim;

– deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 46(2) u (4) tal-ftehim;

– deċiżjonijiet fil-kuntest ta' miżuri ta' salvagwardja konsenswali fil-każ ta' disturb serju tal-flussi tat-traffiku trans-Alpini, li jippreġudikaw l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 30 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 47 tal-ftehim;

– deċiżjonijiet li jemendaw l-Annessi 5, 6, 8 u 9 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 55(3) tal-ftehim;

– deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-proċedura għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar it-trasportaturi li jipprovdu tali servizzi okkażjonali ta' kowċis internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 1, il-punt 2.3, l-Anness 7 tal-ftehim;

– deċiżjonijiet dwar awtorizzazzjonijiet għat-twettiq ta' servizzi ta' kowċis u xarabanks internazzjonali fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 4 tal-Anness 7 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikoli 4(4) u 4(7) tal-Anness;

(h) id-deċiżjonijiet li ġejjin skont il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) ta' din id-Deċiżjoni:

– deċiżjonijiet li jfasslu l-proċedura għat-twettiq tal-verifiki previsti fl-Artikoli 7 u 8 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 10(3), il-punt (d) tiegħu, l-ewwel u t-tieni inċiż tal-ftehim;

– deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent jew l-irtirar ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità kkontestati skont l-Artikolu 8 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 10(3), il-punt (e), it-tielet u r-raba' inċiż tal-ftehim;

- deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-proċedura għal spezzjonijiet konġunti minn korpi maħtura tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu (2) tal-Anness 4 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Anness;

(i) deċiżjonijiet skont il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni, fir-rigward ta':

- kwistjonijiet relatati mal-Annessi 7 sa 10 u 12 tal-ftehim u l-Appendiċijiet tiegħu;
- kwistjonijiet relatati mal-Annessi 4 sa 6 u 11 tal-ftehim matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 32 tal-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

(j) deċiżjonijiet li jistabbilixxu soluzzjonijiet xierqa li jipprevedu l-iskambju dirett ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri u l-korpi rilevanti f'oqsma fejn ikun meħtieġ trasferiment rapidu tal-informazzjoni, f'konformità ma':

- l-Artikolu 2(2) tal-Anness 1 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikoli 40(3) u 41(2) tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (g) ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għal deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali adottati mill-Kumitati Konġunti stabbiliti mill-ftehimiet jew mill-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), għajr id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

*Artikolu 5*

1. Kwalunkwe deċiżjoni tal-Unjoni li tieħu l-miżuri li ġejjin għandha tittieħed mill-Kummissjoni:

(a) miżuri ta' kumpens għall-applikazzjoni skorretta tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (i) ta' din id-Deċiżjoni, bil-għan li jiġu rrimedjati l-iżbilanċi f'konformità ma':

- l-Artikoli 11 rispettivi tal-protokolli istituzzjonali għall-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (d), ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 21 tal-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 33 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (g) ta' din id-Deċiżjoni;
- l-Artikolu 16 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (h) ta' din id-Deċiżjoni; jew
- l-Artikolu 17 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (i) ta' din id-Deċiżjoni;

(b) miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid u ta' bbilanċjar mill-ġdid *interim* f'każ li l-miżuri ta' salvagwardja meħuda mill-Iżvizzera skont il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) ta' din id-Deċiżjoni, maħsuba biex jirrimedjaw diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji kkawżati mill-applikazzjoni tal-ftehim,

ikunu ħolqu żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi rispettivi skont il-ftehim, f'konformità mal-Artikoli 14a(3) u 14a(5) tal-ftehim;

(c) il-miżuri li ġejjin skont il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) ta' din id-Deċiżjoni:

– miżuri ta' salvagwardja unilaterali li jżidu l-imposti applikabbli għall-vetturi fil-każ ta' diffikultajiet bil-flussi tat-traffiku fit-toroq trans-Alpini u nuqqas-ta' użu tal-kapaċità ferrovjarja tal-Unjoni bil-għan li t-trasport bil-ferrovija u kkombinat isir aktar kompetittiv meta mqabbel mat-trasport bit-triq, f'konformità mal-Artikolu 46 tal-ftehim;

– miżuri ta' salvagwardja konsenswali fil-każ ta' disturb serju tal-flussi tat-traffiku trans-Alpini, li jippreġudikaw l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 30 tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 47 tal-ftehim;

– miżuri ta' kriżi maħsuba biex jerġgħu jiġu stabbiliti u jinżammu l-flussi tat-traffiku trans-Alpini f'każ li dawn jiġu serjament imfixkla għal raġunijiet ta' force majeure, f'konformità mal-Artikolu 48 tal-ftehim;

(d) miżuri ta' salvagwardja fil-każ li, b'rabta mal-applikazzjoni tal-Annessi 1, 2 u 3 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni, l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Iżvizzera jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw disturb serju fis-swieq agrikoli komuni tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 10 tal-ftehim;

(e) miżuri ta' salvagwardja *interim* f'każ li nuqqas mill-Iżvizzera li tissodisfa obbligu skont l-Annessi 7 sa 10 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni jirrappreżenta riskju li jipperikola s-saħħa tal-bniedem jew li jxekkel l-effettività tal-miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi f'konformità mal-Artikolu 26 tal-Anness 7, l-Artikolu 16 tal-Anness 8, l-Artikolu 9 tal-Anness 9 u l-Artikolu 5 tal-Anness 10 tal-ftehim;

(f) is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programmi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (j) ta' din id-Deċiżjoni;

(g) miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-integrità taż-Żona tas-Sikurezza Alimentari tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 15(3) tal-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(l), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni;

(h) is-sospensjoni tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-aġenziji, is-sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra tal-Unjoni elenkati li għalihom l-Iżvizzera għandha aċċess f'konformità ma':

– l-Artikoli 13(2) rispettivi tal-protokolli istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (d) ta' din id-Deċiżjoni;

– l-Artikoli 9(2), 49(2) u 25(2) rispettivi tal-ftehimiet u l-protokoll imsemmi fl-Artikoli 3(1), il-punti (f), (g) u (h), ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fil-każ ta' deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (f), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma tieħu d-deċiżjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, skont l-urġenza tal-kwistjoni, limitu ta' żmien li fih il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom.

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni fir-rigward ta':

   – l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji stabbiliti fl-Anness 2 u fl-Anness 3 tal-ftehim kif ukoll l-emendi u l-adattamenti tekniċi li saru meħtieġa mill-emendi għan-Nomenklatura Magħquda u għall-kodiċijiet TARIC;

   – l-implimentazzjoni tat-Titolu III tal-Anness 7, l-Artikolu 14 tal-Anness 8, l-Anness 9, l-Anness 10 u l-Artikoli 3, 13 u 15 tal-Anness 12 tal-ftehim.

2. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 32 tal-protokoll imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (f) ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Annessi 4 sa 6 u 11 għall-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 7*

1. L-Artikoli 2 sa 6 tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom huma mħassra.

2. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/51/UE u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/738 huma mħassra.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

## “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

## PARTI I: PROGRAMMI TAL-UNJONI

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta’ pakkett wiesa’ ta’ ftehimiet biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera.

### 2. LINJI BAĠITARJI:

Il-Parti I tiddeskrivi fid-dettall l-impatt finanzjarju tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni (minn hawn ’il quddiem il-“Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni”). Il-Parti II tiddeskrivi fid-dettall l-impatt finanzjarju tal-ftehimiet fil-pakkett wiesa’ li jipprevedu kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lejn diversi aġenziji u sistemi ta’ informazzjoni.

- **Orizzont Ewropa**

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

- 6 0 1 0 — Orizzont Ewropa — Dħul assenjat

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata:

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

- L-Artikolu sħiħ 01 01 01 (01 01 01 01, 01 01 01 02, 01 01 01 03, 01 01 01 11, 01 01 01 12, 01 01 01 13, 01 01 01 71, 01 01 01 72, 01 01 01 73, 01 01 01 74, 01 01 01 76);
- L-Artikolu sħiħ 01 02 01 (01 02 01 01, 01 02 01 02, 01 02 01 03);
- L-Artikolu sħiħ 01 02 02 (01 02 02 10, 01 02 02 11, 01 02 02 12, 01 02 02 20, 01 02 02 30, 01 02 02 31, 01 02 02 40, 01 02 02 41, 01 02 02 42, 01 02 02 43, 01 02 02 50, 01 02 02 51, 01 02 02 52, 01 02 02 53, 01 02 02 54, 01 02 02 60, 01 02 02 61, 01 02 02 70);
- L-Artikolu sħiħ 01 02 03 (01 02 03 01, 01 02 03 02, 01 02 03 03);
- L-Artikolu sħiħ 01 02 04 (01 02 04 01, 01 02 04 02);
- L-Artikolu 01 02 05;
- Linja baġitarja 20 XX Nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea.

- **Erasmus+**

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 0 1 0 — Erasmus+ — Dħul assenjat

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata:

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– L-artikolu sħiħ Erasmus+ (Intestatura 2: 07.030101, 07.030102, 07.0302, 07.0303, 07.010201.xx, 07.010275)

– Erasmus+ (Intestatura 6: 15.020102, 14.020150, 14.010175, 15.010175).

– Linja baġitarja 20 XX Nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea

- **EU4Health**

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– Titolu 6: Dħul, kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet relatati mal-politiki tal-Unjoni, il-Kapitolu 6 1: Koeżjoni, reżiljenza u valuri, l-Artikolu 6 1 1: Irkupru u Reżiljenza, u l-Partita 6113 tal-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) - Dħul assenjat

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linji dwar in-nefqa li ġejjin:

| **Linja baġitarja** | **Titolu** |
|---|---|
| 06 01 05 73 – Intestatura 2b | L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali — Kontribuzzjoni mill-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) |
| 06 01 05 01 – Intestatura 2b | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) |
| 06 06 01 – Intestatura 2b | Programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) |
| 20 02 01 01 – Intestatura 7 | Aġenti kuntrattwali |
| 20 04 01 – Intestatura 7 | Sistemi ta' informazzjoni |

- **Ewropa Diġitali**

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 0 2 2 — Programm Ewropa Diġitali — Dħul assenjat

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: 19 296 000

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

| | |
|---|---|
| 02 01 30 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropa Diġitali |
| 02 01 30 73 | L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm Ewropa Diġitali |
| 02 04 02 10 | Programm Ewropa Diġitali - Computing ta' prestazzjoni għolja |
| 02 04 03 00 | Programm Ewropa Diġitali - Intelliġenza artifiċjali |
| 02 04 04 00 | Programm Ewropa Diġitali - Ħiliet |
| 02 04 05 01 | Programm Ewropa Diġitali - It-tħejjija għall-użu |
| 02 04 05 02 | Programm Ewropa Diġitali - It-tħejjija għall-użu / l-Interoperabbiltà |
| Linja baġitarja 20.XX | Nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea |

## 3. IMPATT FINANZJARJU[1]

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☑ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

- **Orizzont Ewropa**

*(miljuni ta' EUR sa tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul | Perjodu ta' XX xhur li jibda minn jj/xx/ssss *(jekk applikabbli)* | Is-sena N (2025) |
|---|---|---|---|
| 6 0 1 0 | 1 934.043 | 36 xahar li jibdew fl-1/1/2025 | 636.724 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni |
|---|

[1] Iċ-ċifri kollha għas-snin 2026 u 2027 li huma kkwotati f'din it-taqsima huma indikattivi, u jikkorrispondu għall-aħħar stimi disponibbli.

| Linja tad-dħul | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|
| 6 0 1 0 | 636,724 | 640,836 | 656,483 |

| Linja tan-nefqa | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|
| Artikoli 01 01 01; 01 02 01; 01 02 02; 01 02 03; 01 02 04; 01 02 05 | 621,194 | 622,171 | 631,234 |
| 20 XX | 15,530 | 18,665 | 25,249 |

- **Erasmus+**

*(miljuni ta' EUR sa tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul | Perjodu ta' XX xhur li jibda minn jj/xx/ssss *(jekk applikabbli)* | Is-sena N (2027) |
|---|---|---|---|
| 6 0 1 0 | 181.1 | 12-il xahar li jibdew fl-1/1/2027 | 181.1 |

| Linja tad-dħul | 2027 |
|---|---|
| 6 0 1 0 | 181.1 |

| Linja tan-nefqa | 2027 |
|---|---|
| L-Artikoli:<br>07.030101, 07.030102, 07.0302, 07.0303, 07.010201, 07.010275 | 174.1 |
| 20 XX | 7.0 |

- **EU4Health**

*(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul[2] | Perjodu ta' 24 xahar, li jibda mill-01/01/2026 | Sena N |
|---|---|---|---|
| Artikolu 6113 | 47,738[3] | 01/01/2026[4] | 31/12/2027 |

| Linja tad-dħul | 2026[5] | 2027 |
|---|---|---|
| Artikolu 6113 | 23,869 | 23,869 |

*(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)*

| Linja tan-nefqa | Titolu | Allokazzjoni tal-2026 |
|---|---|---|
| 06 01 05 73 | Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali — Kontribuzzjoni mill-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) | 0,684 |
| 06 01 05 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm l-UE għas-Saħħa (E4Health) | 0,292 |
| 06 06 01 | Programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) | 22,425 |
| 20 02 01 01 | Aġenti kuntrattwali | 0,234 |
| 20 04 01 | Sistemi ta' informazzjoni | 0,234 |

- **Ewropa Diġitali**

*Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul | Perjodu ta' XX xhur li jibda minn jj/xx/ssss *(jekk applikabbli)* | Sena N (2025) |
|---|---|---|---|
| 6 0 2 2 | 59,875 | 36 xahar li jibdew fl-1/1/2025 | 19,296 |

2 L-ammont huwa stima bbażata fuq il-formula jew fuq il-metodu definit fit-Taqsima 4.

3 L-ammont totali huwa kemxejn differenti mill-ammont totali fit-tabella ta' hawn taħt minħabba l-arrotondament tal-ammonti annwali sa punt deċimali wieħed.

4 L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-Programm UE għas-Saħħa EU4Health mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-Saħħa, għad-durata li jifdal tal-Programm UE għas-Saħħa EU4Health jew sa tmiem il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, skont liema jkun l-iqsar.

5 L-ammont huwa bbażat fuq il-pakkett ta' Tħejjija għall-Kriżijiet ipprogrammat fil-Programm ta' Ħidma tal-Programm l-UE għas-Saħħa għall-2024.

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | | | |
|---|---|---|---|
| Linja tad-dħul | 2025 | 2026 | 2027 |
| 6 0 2 2 | 19,296 | 18,793 | 21,786 |

| Linja tan-nefqa | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|
| Artikoli<br>02 01 30<br>02 04 02<br>02 04 03<br>02 04 04<br>02 04 05 | 18,826 | 18,245 | 20,948 |
| 20 XX | 0,470 | 0,548 | 0,838 |

## 4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi lill-Kummissjoni tiġġieled kontra l-frodi u kontra kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi hija għalhekk obbligu ġenerali tas-Servizzi kollha tal-Kummissjoni fil-qafas tal-attivitajiet ta' kuljum tagħhom li jinvolvu l-użu tar-riżorsi.

Kull frodi jew irregolarità li tinvolvi l-fondi tal-Unjoni għandha impatt partikolarment negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni u fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. L-Istrateġija kurrenti tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS, Commission Anti-Fraud Strategy) (COM(2019)196) ġiet adottata fid-29 ta' April 2019, biex tissostitwixxi l-Istrateġija tal-2011. Dan huwa dokument ta' politika li jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027. L-objettivi ewlenin tas-CAFS tal-2019 huma 1) "it-titjib ulterjuri tal-fehim tad-disinji ta' frodi, tal-profili tal-frodaturi u tal-vulnerabbiltajiet sistemiċi marbuta mal-frodi li tolqot il-baġit tal-UE" (ġbir u analiżi tad-data), u 2) "it-titjib tal-koordinazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-proċessi fil-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment fost is-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi" (koordinazzjoni, kooperazzjoni u proċessi). L-istrateġija hija akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni li ġie rivedut f'Lulju 2023 u li, bħall-predeċessur tiegħu, ifittex li jsaħħaħ il-partijiet kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni.

Il-prinċipji gwida u l-istandards fil-mira tas-CAFS tal-2019 huma:

– tolleranza żero għall-frodi;

– il-ġlieda kontra l-frodi bħala parti integrali mill-kontroll intern;

– il-kosteffettività tal-kontrolli;

- l-integrità professjonali u l-kompetenza tal-persunal tal-Unjoni;
- it-trasparenza dwar kif jintużaw il-fondi tal-Unjoni;
- il-prevenzjoni tal-frodi, speċjalment il-protezzjoni tal-programmi ta' nfiq kontra l-frodi;
- il-kapaċità ta' investigazzjoni effettiva u skambju ta' informazzjoni f'waqtu;
- il-korrezzjoni rapida (inkluż l-irkupru ta' fondi ffrodati u sanzjonijiet ġudizzjarji/amministrattivi);
- il-kooperazzjoni tajba bejn l-atturi interni u esterni, partikolarment bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, u fost id-dipartimenti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kollha kkonċernati tal-Unjoni;
- il-komunikazzjoni interna u esterna effettiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi.

L-Artikoli 11 sa 14 tal-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni fihom dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Tajba, li tinkludi wkoll miżuri kontra l-frodi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu applikabbli orizzontalment biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni koperti fil-Protokolli futuri li potenzjalment iridu jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni biex il-Konfederazzjoni Żvizzera tiġi assoċjata ma' għadd ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni. Huma applikabbli wkoll għall-protokolli, peress li l-protokolli u l-annessi jikkostitwixxu parti integrali minnhom.

B'mod partikolari, l-Artikoli 11 u 12 tal-Ftehim jipprevedu d-dettalji u l-proċessi meħtieġa kif ukoll jippermettu l-eżekuzzjoni bla żbalji tal-kompiti mill-korpi sabiex jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea jew minn persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea, li tinkludi l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)). Fl-implimentazzjoni tal-Programmi jew tal-attivitajiet koperti mill-Protokolli tal-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni, il-prinċipju jibqa' l-istess: l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, mad-detezzjoni, mal-korrezzjoni u mal-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, għall-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, fejn xieraq, għall-impożizzjoni tal-penali amministrattivi.

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, u lill-Qorti tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Kif previst b'mod espliċitu fl-Artikolu 11(4) tal-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni, ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu wkoll wara s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' Protokoll, il-waqfien tal-applikazzjoni jew it-terminazzjoni tal-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni.

Il-Ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni jiżgura l-possibbiltà li l-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera ta' entità Żvizzera li hija parti għal ftehim ta' finanzjament rilevanti jew entità Żvizzera terza li timplimenta l-ftehim ta' finanzjament skont kuntratt, f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament rilevanti u kuntratt applikabbli ieħor, u sa fejn previst fih. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Kummissjoni Ewropea u l-OLAF għandhom jaġixxu b'mod kompatibbli mal-liġi Żvizzera.

Ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu mill-uffiċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew minn persuni oħrajn b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Kummissjoni Ewropea jew persuni oħrajn b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea għandhom jaġixxu b'mod kompatibbli mad-dritt Żvizzeru.

L-awtoritajiet Żvizzeri għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali applikabbli, mal-awtoritajiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri kompetenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż it-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' allegati awturi u kompliċi tar-reati kriminali msemmija. It-talbiet ippreżentati skont l-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali applikabbli jistgħu jinkludu kif applikabbli talbiet magħmula fir-rigward ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet tal-UPPE. Dan jippermetti kooperazzjoni mal-UPPE kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

Barra minn hekk, il-Ftehim ftehim dwar il-programmi tal-Unjoni jipprevedi mekkaniżmi effettivi li jiżguraw l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

## 5. RIMARKI OĦRA

Il-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni huwa definit fl-Artikolu 7 dwar il-kundizzjonijiet finanzjarji supplementati mill-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim u l-Anness I dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni finanzjarja tal-Ftehim.

Fir-rigward tal-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health), id-distribuzzjoni stmata tal-kontribuzzjoni tal-pajjiż assoċjat għal-linji baġitarji differenti tal-programm hija bbażata fuq is-sehem relattiv ta' kull linja baġitarja fuq il-baġit tal-programm fil-baġit tal-Unjoni (approprjazzjonijiet C1, abbażi tal-Ipprogrammar finanzjarju 2021–2027, inkluż żieda stmata mill-multi – l-Artikolu 5 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali). Ammont indikattiv tal-kontribuzzjoni tal-pajjiż assoċjat se jservi wkoll biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi deċentralizzati (Persunal estern / Spejjeż maniġerjali oħra).

## PARTI II:

## L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMM SPAZJALI

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera.

### 2. LINJI BAĠITARJI:

Il-Parti II tagħti dettalji dwar l-impatt tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). Il-Parti I tiddeskrivi fid-dettall l-impatt finanzjarju tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni. Il-Parti III tagħti dettalji dwar l-impatt finanzjarju tal-ftehimiet l-oħra fil-pakkett wiesa' li jipprevedu kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għal diversi aġenziji u sistemi ta' informazzjoni.

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– Artikolu 04 10 01 — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) — dħul assenjat estern

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– Artikolu 04 10 01 – L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) – baġit ivvotat.

### 3. IMPATT FINANZJARJU[6]

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☑ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

[6] Iċ-ċifri kollha għas-snin 2026 u 2027 li huma kkwotati f'din it-taqsima huma indikattivi, u jikkorrispondu għall-aħħar stimi disponibbli.

L-effett huwa kif ġej:

*(miljuni ta' EUR sa tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul | Perjodu ta' XX xhur li jibda minn jj/xx/ssss *(jekk applikabbli)* | Sena N (2026) |
|---|---|---|---|
| 04 10 01 | 4 098 115 | 24-il xahar li jibdew fl-1/1/2026 | 4 098 115 |

| Linja tad-dħul | 2026 | 2027 |
|---|---|---|
| 04 10 01 | 4 098 115 | 4 185 977 |

| Linja tan-nefqa | 2026 | 2027 |
|---|---|---|
| 04 10 01 | 4 098 115 | 4 185 977 |

## 4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi lill-Kummissjoni tiġġieled kontra l-frodi u kontra kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi hija għalhekk obbligu ġenerali tas-Servizzi kollha tal-Kummissjoni fil-qafas tal-attivitajiet ta' kuljum tagħhom li jinvolvu l-użu tar-riżorsi.

Kull frodi jew irregolarità li tinvolvi l-fondi tal-Unjoni għandha impatt partikolarment negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni u fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. L-Istrateġija kurrenti tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS, Commission Anti-Fraud Strategy) (COM(2019)196) ġiet adottata fid-29 ta' April 2019, biex tissostitwixxi l-Istrateġija tal-2011. Dan huwa dokument ta' politika li jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027. L-objettivi ewlenin tas-CAFS tal-2019 huma 1) "it-titjib ulterjuri tal-fehim tad-disinji ta' frodi, tal-profili tal-frodaturi u tal-vulnerabbiltajiet sistemiċi marbuta mal-frodi li tolqot il-baġit tal-UE" (ġbir u analiżi tad-data), u 2) "it-titjib tal-koordinazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-proċessi fil-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment fost is-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi" (koordinazzjoni, kooperazzjoni u proċessi). L-istrateġija hija akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni li ġie rivedut f'Lulju 2023 u li, bħall-predeċessur tiegħu, ifittex li jsaħħaħ il-partijiet kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni.

Il-prinċipji gwida u l-istandards fil-mira tas-CAFS tal-2019 huma:

– tolleranza żero għall-frodi;

– il-ġlieda kontra l-frodi bħala parti integrali mill-kontroll intern;

– il-kosteffettività tal-kontrolli;

– l-integrità professjonali u l-kompetenza tal-persunal tal-Unjoni;

– it-trasparenza dwar kif jintużaw il-fondi tal-Unjoni;

– il-prevenzjoni tal-frodi, speċjalment il-protezzjoni tal-programmi ta' nfiq kontra l-frodi;

– il-kapaċità ta' investigazzjoni effettiva u skambju ta' informazzjoni f'waqtu;

– il-korrezzjoni rapida (inkluż l-irkupru ta' fondi ffrodati u sanzjonijiet ġudizzjarji/amministrattivi);

– il-kooperazzjoni tajba bejn l-atturi interni u esterni, partikolarment bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, u fost id-dipartimenti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kollha kkonċernati tal-Unjoni;

– il-komunikazzjoni interna u esterna effettiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi.

L-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali u l-Anness III tal-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-EUSPA fihom dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-finanzi fir-rigward tal-parteċipanti Żvizzeri fl-attivitajiet tal-Aġenzija għall-Programm Spazjali, li jinkludi wkoll miżuri kontra l-frodi. L-Anness III jipprovdi d-dettalji u l-proċessi meħtieġa kif ukoll jippermetti l-eżekuzzjoni bla żbalji tal-kompiti mill-korpi sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (il-Kummissjoni Ewropea jew minn persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea, li tinkludi l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod rapidu u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi.

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Kif previst b'mod espliċitu fl-Artikolu 11(4) tal-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali, ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu wkoll wara s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' Protokoll, il-waqfien tal-applikazzjoni jew it-terminazzjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali jiżgura l-possibbiltà li l-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera ta' entità Żvizzera li hija parti għal ftehim ta' finanzjament rilevanti jew entità Żvizzera terza li timplimenta l-ftehim ta' finanzjament skont kuntratt, f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament rilevanti u kuntratt applikabbli ieħor, u sa fejn previst fih. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Kummissjoni Ewropea u l-OLAF għandhom jaġixxu b'mod kompatibbli mal-liġi Żvizzera.

Ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu mill-uffiċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew minn persuni oħrajn b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Kummissjoni Ewropea jew persuni oħrajn b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea għandhom jaġixxu b'mod kompatibbli mad-dritt Żvizzeru.

L-awtoritajiet Żvizzeri għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali applikabbli, mal-awtoritajiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri kompetenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż it-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' allegati awturi u kompliċi tar-reati

kriminali msemmija. It-talbiet ippreżentati skont l-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali applikabbli jistgħu jinkludu kif applikabbli talbiet magħmula fir-rigward ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet tal-UPPE. Dan jippermetti kooperazzjoni mal-UPPE kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

Barra minn hekk, il-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali jipprevedi mekkaniżmu effettiv biex jiżgura l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

## 5. RIMARKI OĦRA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Iżvizzera għall-finanzjament tal-EUSPA se tieħu l-forma tat-total ta' kontribuzzjoni operazzjonali minn naħa waħda, u tariffa ta' parteċipazzjoni min-naħa l-oħra, kif definit fl-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali u l-Anness I ta' dak il-ftehim.

Il-kontribuzzjoni operazzjonali se tkun ibbażata fuq koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit bħala l-proporzjon tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-Iżvizzera bil-prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni bil-prezzijiet tas-suq. Il-PDG li jridu jiġu applikati se jkunu dawk disponibbli l-aħħar mill-1 ta' Jannar tas-sena li fiha se jsir il-pagament annwali kif previst mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika[7]. Jekk dan il-ftehim ma jibqax japplika, il-PDG tal-Iżvizzera għandu jkun dak stabbilit abbażi tad-data pprovduta mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development).

Il-kontribuzzjoni operazzjonali għall-aġenziji se tiġi kkalkulata billi jiġi applikat il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-baġit annwali vvutat tal-Unjoni mniżżel fuq il-linja/i rilevanti tas-sussidju tal-baġit tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni. L-ammonti ta' referenza kollha se jkunu bbażati fuq approprjazzjonijiet ta' impenn.

It-tariffa ta' parteċipazzjoni annwali għandha tkun perċentwal tal-operazzjoni annwali. It-tariffa ta' parteċipazzjoni annwali għandu jkollha l-valuri li ġejjin:

– fl-2026: 2 %

– fl-2027: 3 %

– fl-2028 u s-snin ta' wara: 4 %.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Iżvizzera jew il-pagamenti mill-Unjoni, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li jridu jiġu riċevuti se jsiru f'euro.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ sejħiet għal fondi għall-Iżvizzera li jikkorrispondu għall-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera. L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat fis-sejħa għall-fondi mhux aktar tard minn 45 jum wara l-wasla tas-sejħa għall-fondi.

Kwalunkwe dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jagħti lok għall-ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza mill-Iżvizzera fuq l-ammont pendenti mid-data dovuta. Ir-rata tal-imgħax għall-ammonti riċevibbli mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-

[7] Deċiżjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika (ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2).

ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data dovuta, jew 0 %, skont liema tkun l-ogħla, biż-żieda ta' 3,5 punti perċentwali.

## PARTI III:
## AĠENZIJI U SISTEMI TA' INFORMAZZJONI OĦRAJN

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera.

### 2. LINJI BAĠITARJI:

Il-Parti III tagħti dettalji dwar l-impatt finanzjarju tal-ftehimiet fil-pakkett wiesa' li jipprevedu kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għal diversi aġenziji u sistemi ta' informazzjoni, ħlief għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali. L-impatti finanzjarji tal-Ftehim li ssemma l-aħħar kif ukoll il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni huma deskritt fid-dettall fil-Partijiet I u II tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

.

Skont il-ftehimiet f'oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, il-Ftehim dwar is-saħħa u l-Ftehim dwar l-Aġenzija għall-Programm Spazjali se jidħlu fis-seħħ, l-Iżvizzera se tikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit tal-Unjoni għall-ġestjoni u l-operat tal-aġenziji u l-korpi, is-sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra li għalihom għandha aċċess skont dawk il-ftehimiet. Ġie nnegozjat u integrat sett ta' modalitajiet finanzjarji standard fil-ftehimiet speċifiċi. Dawn ma jikkonċernawx il-ftehimiet dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Programmi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u fil-programmi tal-Unjoni rispettivament.

Deskrizzjoni dettaljata tal-modalitajiet finanzjarji hija inkluża fit-taqsima 5 ta' dan id-dokument.

Is-sistemi ta' informazzjoni li għalihom l-Iżvizzera se tikseb aċċess u se jkollha tikkontribwixxi finanzjarjament f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji miftiehma huma:

– in-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/589;
– l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI, Electronic Exchange of Social Security Information) kif stabbilit bir-Regolament (KE) 883/2004 u mir-Regolament (KE) 987/2009;
– il-moduli tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information) kif stabbiliti bir-Regolament (UE) 1024/20127 relatati mal-istazzjonar

tal-ħaddiema, is-servizzi, il-kwalifiki professjonali, il-Karta Professjonali Ewropea, il-Professjonijiet Regolati u l-Gateway Diġitali Unika;

– is-sistema ta' informazzjoni EudraGMDP dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, kif stabbilita bid-Direttiva 2004/27/KE;
– il-Portal EUROPHYT, kif stabbilit bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/3/KE tal-21 ta' Jannar 1994;
– is-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF, Rapid Alert System for Food and Feed), kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002;
– il-pjattaforma għaċ-ċertifikazzjoni sanitarja u fitosanitarja (TRACES), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2017/625;
– is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS, Animal Diseases Information System), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2020/2002;
– il-Bażi tad-Data tal-Unjoni, kif stabbilita bid-Direttiva (UE) 2018/2001, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

L-aġenziji li għalihom l-Iżvizzera se tikseb aċċess u se jkollha tikkontribwixxi finanzjarjament f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji miftiehma huma:

– iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC, European Centre for Disease Prevention and Control), kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 851/2004;
– l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority), kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002;
– l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, Agency for the Cooperation of Electricity Regulators), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/942;

Fejn bħalissa jeżistu sorsi alternattivi ta' finanzjament, dawn se jinżammu. Jekk din is-sitwazzjoni tinbidel matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ftehimiet, jenħtieġ li japplikaw il-modalitajiet finanzjarji standard. Huma kkonċernati s-sistemi ta' informazzjoni u l-aġenziji li ġejjin:

– it-TACHOnet, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 165/2014 u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68;
– is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS, Early Warning and Response System), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2371;
– l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency), kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1139;
– is-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali (MISSOC, Mutual Information System on Social Protection).

Sabiex jitqies li l-Iżvizzera mhux se jkollha aċċess għall-attivitajiet tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim dwar l-elettriku, il-kontribuzzjoni operazzjonali annwali tagħha għall-ACER se tiġi kkalkolata abbażi ta' ammont ta' referenza annwali li jikkorrispondi għal 85 % tal-ammont tal-baġit ivvotat annwali tal-Unjoni li se jiġi inkluż fil-linja/i tas-sussidju baġitarji rilevanti tal-Unjoni.

Skont il-QFP kurrenti (2021–2027) mhux se tkun meħtieġa kontribuzzjoni mill-Iżvizzera għall-finanzjament tal-EWRS f'konformità mal-modalitajiet finanzjarji msemmija hawn fuq.

Minflok, il-kontribuzzjoni tagħha se tkun koperta mill-kontribuzzjonijiet tagħha għall-finanzjament tal-ECDC u tal-programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health) peress li dawn huma ż-żewġ sorsi ta' finanzjament tal-EWRS skont il-QFP kurrenti.

L-impatt preċiż tal-kontribuzzjonijiet tal-Iżvizzera fuq il-baġit ma jistax jiġi ddeterminat fiż-żmien tal-abbozzar ta' dan il-fajl peress li l-Iżvizzera se tibda tikkontribwixxi biss wara li l-ftehimiet ikkonċernati jkunu daħlu fis-seħħ u d-dħul fis-seħħ tagħhom jiddependi fuq li l-Iżvizzera tissodisfa ċerti obbligi kostituzzjonali. Dan il-proċess jista' jieħu diversi snin, li jista' jfisser li l-ftehimiet mhux se jidħlu fis-seħħ matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti.

Peress li l-arranġamenti ta' finanzjament miftiehma se jiġġeneraw fluss ta' dħul rikorrenti għall-baġit tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet standard se jipprovdu l-mudell għall-kontribuzzjonijiet tal-Iżvizzera għall-ġestjoni u l-operat ta' kwalunkwe aġenzija jew sistema ta' informazzjoni addizzjonali li għaliha l-Iżvizzera se tikseb aċċess fil-futur, xorta waħda huwa rilevanti li jintwera kif il-modalitajiet finanzjarji jistgħu jħallu impatt fuq il-baġit. L-ammonti msemmija japplikaw il-modalitajiet finanzjarji għall-baġit tal-2024, li serva bħala referenza matul in-negozjati dwar l-arranġamenti ta' finanzjament u l-modalitajiet ta' pagament.

- **Sistemi ta' informazzjoni**

*Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES)*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– R6 1 2 0 – Il-Fond Soċjali Ewropew Plus – Dħul assenjat

Id-dħul jiġi assenjat għal-linji tan-nefqa li ġejjin (Kapitolu/Artikolu/Partita):

L-Artikolu 07 02 04 - FSE+ – Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), u

– L-Artikolu 07 10 09 – Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA, European Labour Authority): nefqa relatata mal-pjattaforma tal-EURES

*Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI)*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 1 2 0 – Il-Fond Soċjali Ewropew Plus – Dħul assenjat

– R 6 6 3 0 – Proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji, prerogattivi u azzjonijiet oħra

Id-dħul jiġi assenjat għal-linji tan-nefqa li ġejjin (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– L-Artikolu 07 02 04 –mFSE+ — Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI);

– Partita 07 20 03 01 – Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi

*Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 00 03 00 – Programm tas-Suq Uniku – Dħul assenjat

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– Partita 03 01 01 01 – Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tas-Suq Uniku (03 01 01 01 02)

*EudraGMDP*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 6 2

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 10 03 01 – Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

*EUROPHYT, iRASFF, TRACES, ADIS*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 60 30

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– L-Artikolu 03 02 06 – Kontribuzzjoni għal livell għoli ta' saħħa u benesseri tal-bnedmin, l-annimali u l-pjanti

*Bażi tad-Data tal-Unjoni, kif stabbilit bid-Direttiva (UE) 2018/2001*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 06 08 – kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra – Dħul assenjat

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 02 20 04 02 – Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija

- **Aġenziji**

*Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 6 2

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– L-Artikolu 06 10 01 – Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

– L-Artikolu 06 10 02 – L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

*L-Aġenzija tal- Unjoni Ewropea għall- Kooperazzjoni tar- Regolaturi tal- Enerġija (ACER)*

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– 6 06 08 – Aġenziji deċentralizzati – Dħul assenjat

Id-dħul se jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

– L-Artikolu 02 10 06 – L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

## 3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☑ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

- **Sistemi ta' informazzjoni**

*Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| R 6 1 2 0 | 999 897 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| R 6 1 2 0 | 999 897 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| 07 02 04<br>07 10 09 | 999 897 |

*Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI)*

| Linji tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| R 6 1 2 0<br>R 6 6 3 0 | 227 136 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| R6 1 2 0<br>R 6 6 3 0 | 227 136 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| 07 02 04<br>07 20 03 01 | 227 136 |

*Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 6 00 03 00 | 96 346 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 00 03 00 | 96 346 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| Partita 03 01 01 01 (03 01 01 01 02) | 96 346 |

*EudraGMDP*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 6 6 2 | 6 525 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 6 2 | 6 525 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| 6 10 03 01 | 6 525 |

*EUROPHYT, iRASFF, TRACES, ADIS*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 6 0 3 0 | 727 804 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 0 3 0 | 727 804 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| L-Artikolu 03 02 06 | 727 804 |

*Bażi tad-Data tal-Unjoni, kif stabbilit bid-Direttiva (UE) 2018/2001*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 6 06 08 | 875 000 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 06 08 | 875 000 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| 02 20 04 02 | 875 000 |

- **Aġenziji**

*Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 6 6 2 | 3 670 862 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 6 2 | 3 670 862 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| Artikolu 06 10 01 | 3 670 862 |

*L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)*

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 6 6 2 | 7 755 340 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 6 2 | 7 755 340 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| L-Artikolu 06 10 02 | 7 755 340 |

*L-Aġenzija tal- Unjoni Ewropea għall- Kooperazzjoni tar- Regolaturi tal- Enerġija (ACER)*[8]

| Linja tad-dħul | Impatt fuq id-dħul annwali (stima tal-2024) |
|---|---|
| 06 06 08 | 981 805 |

| Sitwazzjoni wara l-azzjoni | |
|---|---|
| Linja tad-dħul | Dħul annwali stmat |
| 6 06 08 | 981 805 |
| Linja tan-nefqa | Nefqa annwali stmata |
| 02 10 06 | 981 805 |

## 4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi lill-Kummissjoni tiġġieled kontra l-frodi u kontra kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi hija għalhekk obbligu ġenerali tas-Servizzi kollha tal-Kummissjoni fil-qafas tal-attivitajiet ta' kuljum tagħhom li jinvolvu l-użu tar-riżorsi.

Kull frodi jew irregolarità li tinvolvi l-fondi tal-Unjoni għandha impatt partikolarment negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni u fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. L-Istrateġija kurrenti tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS, Commission Anti-Fraud Strategy) (COM(2019)196) ġiet adottata fid-29 ta' April 2019, biex tissostitwixxi l-Istrateġija tal-2011. Dan huwa dokument ta' politika li jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. L-objettivi ewlenin tas-CAFS tal-2019 huma 1) "it-titjib ulterjuri tal-fehim tad-disinji ta' frodi, tal-profili tal-frodaturi u tal-vulnerabbiltajiet sistemiċi marbuta mal-frodi li tolqot il-baġit tal-UE" (ġbir u analiżi tad-data), u 2) "it-titjib tal-koordinazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-proċessi fil-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment fost is-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi" (koordinazzjoni, kooperazzjoni u proċessi). L-istrateġija hija akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni li ġie rivedut f'Lulju 2023 u li, bħall-predeċessur tiegħu, ifittex li jsaħħaħ il-partijiet kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni.

Il-prinċipji gwida u l-istandards fil-mira tas-CAFS tal-2019 huma:

- tolleranza żero għall-frodi;
- il-ġlieda kontra l-frodi bħala parti integrali mill-kontroll intern;
- il-kosteffettività tal-kontrolli;

[8] Abbażi ta' ammont ta' referenza annwali li jikkorrispondi għal 85 % tal-ammont tal-baġit annwali vvotat tal-Unjoni fil-linja/i rilevanti tas-sussidju baġitarju tal-UE.

– l-integrità professjonali u l-kompetenza tal-persunal tal-Unjoni;

– it-trasparenza dwar kif jintużaw il-fondi tal-Unjoni;

– il-prevenzjoni tal-frodi, speċjalment il-protezzjoni tal-programmi ta' nfiq kontra l-frodi;

– il-kapaċità ta' investigazzjoni effettiva u skambju ta' informazzjoni f'waqtu;

– il-korrezzjoni rapida (inkluż l-irkupru ta' fondi ffrodati u sanzjonijiet ġudizzjarji/amministrattivi);

– il-kooperazzjoni tajba bejn l-atturi interni u esterni, partikolarment bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, u fost id-dipartimenti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kollha kkonċernati tal-Unjoni;

– il-komunikazzjoni interna u esterna effettiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi.

## 5. RIMARKI OĦRA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Iżvizzera għall-finanzjament tal-aġenziji u s-sistemi tal-informazzjoni se tieħu l-forma tas-somma ta' kontribuzzjoni operazzjonali minn naħa waħda, u tariffa ta' parteċipazzjoni min-naħa l-oħra.

Il-kontribuzzjoni operazzjonali se tkun ibbażata fuq koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit bħala l-proporzjon tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-Iżvizzera bil-prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni bil-prezzijiet tas-suq. Il-PDG li jridu jiġu applikati se jkunu dawk disponibbli l-aħħar mill-1 ta' Jannar tas-sena li fiha se jsir il-pagament annwali kif previst mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika[9]. Jekk dan il-ftehim ma jibqax japplika, il-PDG tal-Iżvizzera għandu jkun dak stabbilit abbażi tad-data pprovduta mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development).

Il-kontribuzzjoni operazzjonali għall-aġenziji se tiġi kkalkolata bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-baġit annwali vvotat tal-Unjoni inkluż fil-linja/i rilevanti tas-sussidju tal-baġit tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għas-sistemi ta' informazzjoni u għal attivitajiet oħra se tiġi kkalkolata billi l-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni jiġi applikat għall-baġit rilevanti tas-sena inkwistjoni kif stabbilit fid-dokumenti li jimplimentaw il-baġit (bħal programmi ta' ħidma jew kuntratti). L-ammonti ta' referenza kollha se jkunu bbażati fuq approprjazzjonijiet ta' impenn.

It-tariffa annwali tal-parteċipazzjoni għandha tkun ta' 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali annwali.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Iżvizzera jew il-pagamenti mill-Unjoni, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li jridu jiġu riċevuti se jsiru f'euro.

Il-Kummissjoni Ewropea se tikkomunika lill-Iżvizzera, sa mhux aktar tard mis-16 ta' April tas-sena finanzjarja, l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera:

– l-ammonti f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit annwali tal-Unjoni fil-linja/i baġitarja/i tas-sussidju rilevanti tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni għal kull aġenzija u l-

9 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika (ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2)

ammonti f'approprjazzjonijiet ta' impenn fir-rigward tal-baġit tal-Unjoni vvotat tas-sena inkwistjoni għall-baġit rilevanti tas-sistemi ta' informazzjoni;

– l-ammont tat-tariffa tal-parteċipazzjoni;

– fir-rigward tal-aġenziji, fis-sena N+1, l-ammonti f'impenji baġitarji magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati fis-sena N fil-linja/i baġitarja/i tas-sussidju rilevanti tal-Unjoni fir-rigward tal-baġit annwali tal-Unjoni fil-linja/i baġitarja/i tas-sussidju rilevanti tal-Unjoni tas-sena N.

Abbażi tal-abbozz tal-baġit tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi stima tal-informazzjoni msemmija hawn fuq mill-aktar fis possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena finanzjarja.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ sejħiet għal fondi lill-Iżvizzera li jikkorrispondu għall-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għal kull waħda mill-aġenziji, is-sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera. L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat fis-sejħa għall-fondi mhux aktar tard minn 60 jum wara li tinħareġ sejħa għall-fondi.

F'kull sejħa għall-fondi, l-Iżvizzera tista' tagħmel pagamenti separati għal kull aġenzija, sistema ta' informazzjoni jew attività oħra.

Kwalunkwe dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jagħti lok għall-ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza mill-Iżvizzera fuq l-ammont pendenti mid-data dovuta.

Ir-rata tal-imgħax għall-ammonti riċevibbli mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data dovuta, jew 0 %, skont liema tkun l-ogħla, biż-żieda ta' 3,5 punti perċentwali.